Ħarġa Numru 35 Ottubru 2012

# Il-Miġbħa

ŻGHIR B'QALB KBIRA



# Cake *Decorating*
## Advanced




Wara s-suċċess tal-ewwel kors, il-Kunsill Lokali tal-Imġarr b'kollaborazzjoni tal-*Malta Society of Arts* iddeċieda li jkomplieh. B'hekk dawk li bdew il-kors kif ukoll min diġa għandu ftit esperjenza issa jista' jikseb l-livell avvanzat.' Dan il-kors jikkonsisti f'disa' lezzjonijiet ta' tlett siegħat 'l waħda.

**Prezz - €40**
***Ħlas mal-Bookings***

Il-lezzjonijiet ser ikunu kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.30am.

**POSTIJIET LIMITATI**

**Il-kors jibda hekk kif jingħaqad il-grupp.**

Dawk interessati għandhom iħallu d-dettalji tagħhom flimkien mal-pagament fl-Uffiċini tal-Kunsill Lokali.

# ART 50+

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr b'kollaborazzjoni tal-*Malta Society of Arts* iddeċieda li jorganizza kors tal-Arti għal dawk li għandhom 'l fuq minn Ħamsin sena. Dan il-kors jikkonsisti fi tnax-il lezzjoni ta' sagħtejn u kwart 'l waħda.



**Prezz - €40**
***Ħlas mal-Bookings***

Il-lezzjonijiet ser ikunu kull nhar ta' Tlieta mid-9.00am sal-11.30am.

**POSTIJIET LIMITATI**

**Il-kors jibda hekk kif jingħaqad il-grupp.**

Dawk interessati għandhom iħallu d-dettalji tagħhom flimkien mal-pagament fl-Uffiċini tal-Kunsill Lokali.




# Kontenut Miġbħa

Ħarġa Numru 35 – Ottubru 2012


| | |
|---|---|
| Editorjal – Eman Vella | 4 |
| Ħsieb tas-Sindku - Paul Vella | 5 |
| Viċi Sindku - Eman Vella | 6 |
| Kunsillier - Clayton Gauci | 8 |
| Kunsillier - Giovann Gatt | 10 |
| Kunsilliera - Maria Said | 11 |
| Mill-Librerija tal-Kunsill - Dorianne Mifsud | 12 |
| Skorba Temples 50 Years on – Professor David Trump | 13 |
| Rapport Amministrattiv Annwali għas-sena 2011 | 14 |
| Minn fuq il-Qiegħa – Riċerka ta' Mario Vassallo | 16 |
| Skambji miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ – Mario Sammut | 21 |
| Is-Surmast Ġanni Ċilia - Professur Manwel Mifsud | 22 |
| Il-Ħidma tal-Imġarr Youth Nursery għall-Istaġun 2012/2013 | 23 |
| Imġarr Karate Club 2011 | 25 |
| Attivitajiet tal-Kunsill 2012 | 28 |


## ĦINIJIET TAL-FTUĦ

**Il-Kunsill Lokali l-Imġarr jixtieq jinfurmakom li l-ħinijiet tal-uffiċċju amministrattiv huma:**

**Mill-1 t'Ottubru sal-15 ta' Ġunju:**

**It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa:** 8.00am sa 12.00pm / 1.00pm sat-3.00pm

**It-Tlieta u l-Ħamis:** 8.00am sa 12.00pm / 1.00pm sa 4.45pm

**Is-Sibt:** 8.00am sal-11.30am

**Mis-16 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju:**

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:** 8.00am sas-2.30pm
**Is-Sibt:** 8.00am sal-11.30am

**Mill-1 t' Awwissu sal-31 t' Awwissu:**

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:** 8.00am sa 1.30pm
**Is-Sibt:** 8.00am sa 11.30am

**Mill-1 ta' Settembru sa t-30 ta' Settembru:**

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:** 8.00am sas-2.30pm
**Is-Sibt:** 8.00am sal-11.30am

**www.mgarr.gov.mt**

## KUNSILL LOKALI IMĠARR

**Indirizz:** 22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr MGR1501.
**Telefon:** 2152 0011 - 2752 0011
**Fax:** 2152 2252
**E-mail:** mgarr.lc@gov.mt
**Website:** www.mgarr.gov.mt
**Blog:** www.mgarrlc.blogspot.com
**Facebook:** facebook.com/mgarrlc

**Sindku:**
Mr. Paul Vella

**Viċi Sindku:**
Mr. Eman Vella

**Kunsilliera:**
Mr. Clayton Gauċi
Mr. Ġiovanni Gatt
Ms. Mary Said

**Segretarju Eżekutiv:**
Mr. Cyprian Dalli

**Uffiċjal Eżekkuttiv:**
Ms. Natasha Cassar

**Uffiċjal:**
Ms. Dorianne Mifsud

### Servizzi mill-uffiċju tal-Kunsill:

- Ilmenti u suġġerimenti
- Servizz ta' *bulky refuse*
- Permessi għal użu ta' *skips* u krejnijiet
- Kiri tal-Bajjiet għar-Rikrejazzjoni
- Ħlas ta' Qbiela
- Ħlas ta' Liċenzji ta' ħwienet
- Ħlas ta' kontravenzjonijiet u struzzjonijiet fuq ikkontestar
- Biljetti għal dħul f'Tempji ta' Ħaġrat u ta' Skorba

### Ritratt tal-Qoxra:

Il-Bajja ta' Fomm ir-Riħ f'ġurnata sajfija – Rodianne Chetcuti



# Editorjal

**Eman Vella** – *Viċi Sindku*

Reġgħet waslet edizzjoni oħra tal-Miġbħa bl-għan li żżomm lir-residenti ta' dan ir-raħal infurmati bil-ħidma tal-Kunsill Lokali. F'dan il-fuljett issibu ukoll tagħrif interessanti fuq attivitajiet organizzati fir-raħal jew fuq personaġġi li għamlu ġieħ lill-Imġarr. Fl-editorjal inħoss li għandu jitwassal messaġġ li jkun ta' relevanza partikolari għar-residenti kollha fir-raħal tagħna.

Suġġett li għandu dejjem ikun ta' prijorita' kemm għal kunsill kif ukoll għar-residenti huwa l-indafa pubblika u ż-żamma ta' ambjent dan sabiex ikun jista' jitgawda minn kull min jgħix u jżur l-Imġarr. L-ewwel u qabel kollox, dan jista' jkun possibli biss meta r-resident jħossu kburi li jappartjeni fil-lokalità li jgħix fiha. Dan insostnih għax meta jkollok xi ħaġa u tgħożżha, tieħu ħsiebha sew u ma tħallihiex tintilef. Bl-istess raġunar, għandi nemmen li resident għandu jħossu li jappartjeni kemm għal daru kif ukoll għar-raħal li jgħix fih.

Jien inħossni kburi meta nitkellem ma' nies u jgħiduli li l-Imġarr raħal sabiħ, mdawwar b'kampanja sabiħa u jinstab f'ambjent miftuħ. Nitkellem ukoll ma' residenti li ilhom joqgħodu l-Imġarr li l-anqas biss jafu li jeżiżtu ċerti żoni imżewqa bi ġmiel naturali fil-kampanja tar-raħal tagħhom. Pero` jien ma nieqafx hemm għax l-eħfef ħaġa hija li toqgħod tisma' it-tifħir u ma taġġixxix fejn ikun hemm in-nuqqasijiet. Għal min jżur l-Imġarr biex igawdi l-kampanja, il-baħar jew l-ambjent rurali l-bogħod mill-ibliet, ftit jintebaħ li hemm irkejjen fir-raħal tagħna li mhumiex daqstant sbieħ u ta' min jiftaħar bihom.

*Għal kull tunnellata żejda ta' skart li jipproduċi r-raħal tagħna, il-Kunsill qiegħed jonfoq aktar fondi sabiex dan l-iskart jintrema' fl-'engineered landfill' tal-Magħtab, minflok jiġi riċiklat.*

Sfortunatament għad fadal individwi, kemm residenti u kemm nies li jżuru ir-raħal tagħna, li ma japprezzawx l-ambjent ta' madwarhom u jagħmlu minn kollox biex iħalluh agħar milli sabuh. Bil-faċilitajiet kollha ta' ġbir ta' skart u riċiklar, għadhom jeżiżtu persuni li l-pjaċir tagħhom hu li joħorġu l-boroż fil-ġranet żbaljati, fil-ħin żbaljat u b'mod żbaljat. Fadal ukoll persuni intelliġenti ħafna li s-sistema tal-*bulky refuse* għalihom tikkonsisti fil-ħruġ ta' materjal goff quddiem il-bieb tal-ġar tagħhom. Apparti minn hekk għad fadal nies li ma jgħarfux l-istampa ta' flixkun, karta jew landa fuq il-*bins* tal-*bring-in-site*. Riċentament saħansitra sibna ukoll fdalijiet ta' ġlud tal-fniek f'kontenituri tal-iskart, li emmnuni jaqtawlek l-aptit!

Għalkemm l-informazzjoni fuq is-servizzi eżistenti ta' ġbir ta' skart hija għad-dispożizzjoni tar-residenti kollha, ser nerġa' nirrepetiha bl-iskop li tindara. L-iskart riċiklat fil-borża l-griża jinħareġ kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa, filwaqt dak fil-borza is-sewda jinħareġ fil-bqija tal-ġimgħa, dejjem qabel is-7am. Barra minn hekk importanti nirrepetu li dan għandu jitqiegħed quddiem id-dar tar-resident jew fil-*bins* fil-każ ta' min joqgħod fl-irħula ż-żgħar fl-akkwati tar-raħal. Jekk resident jagħżel li jirriċikla l-iskart tiegħu mingħajr ma juża' l-borża l-griża, jista jagħmel użu mill-*bring in sites* li hemm fi Triq Ganfra u fi Triq San Pietru. Apparti dan kollu, bl-għajnuna tal-GreenMT dan l-aħħar nedejna s-servizz tal-kaxxi suwed għall-ħġieġ li għandhom jinħarġu nhar ta' Tnejn, kull ħmistax. Fuq nota pożitiva, bi pjaċir ngħid li r-raħal tagħna ingħata il-premju tat-tieni lokalita' li fiha l-aktar inġabret il-borża l-griża fl-iskema *Green Council Award* tal-GreenMT. Jeħtieġ li dan l-unur mhux talli nżommuħ, iżda wkoll intejbuh u niġu l-ewwel matul din is-sena.

Dawk ir-residenti li jkollhom skart goff, jistgħu jċemplu lill-Kunsill Lokali sabiex jiftehmu għas-servizz tal-*bulky refuse* li jiġi sa wara l-bieb tad-dar bla ħlas. Min ikollu ħafna materjal goff jista' jagħmel użu mid-diversi *Civic Amenity Sites* (CAS) li l-Wasteserv għandha madwar Malta. L-eqreb CAS jinstabu l-Magħtab u l-Imrieħel *Industrial Estate*. Fir-raħal tagħna naħsbu għall-bdiewa wkoll peress li fis-sajf ikollhom skart tal-faxxina, plastik iswed u plastik abjad. Bi ftehim mal-Wasteserv nipprovdu servizz ta' ġbir ta' skart agrikolu mit-triq li miż-Żebbiegħ tagħti għal Għajn Tuffieħa.

Nagħlaq billi lil dawk il-persuni b'intelliġenza maġġuri ninfurmhom li għal kull tunnelata żejda ta' skart li jipproduċi r-raħal tagħna, il-kunsill qiegħed jonfoq aktar fondi sabiex dan l-iskart jintrema fl-*engineered landfill* tal-Magħtab, minflok jiġi riċiklat. Xogħolok bħala resident kburi li tippartjeni f'din il-lokalità huwa li tgħinhom jifmhu li dawk il-fondi mitlufa ħarġu mit-taxxi tagħhom u li kieku jirriċiklaw, il-kunsill ikun jista' jużahom fi proġetti għalihom u għalik.

Jien qiegħed nipprova u int, ser tagħtini daqqa t'id?



# Infrastruttura, Ordni, Proġetti Kapitali, Sottokumitat Siġar u Sorveljanza

**Paul Vella** – *Sindku*

***Ħuti Imġarrin,***

Insellmilkom u nagħtikom minn qalbi l-isbaħ xewqat u nawgura f'ismi u għan-nom ta' sħabi ġranet ta' mistrieħ lil kullħadd. Inżid ukoll ftit serħan minn din is-sħana li dan is-sajf kellna ftit mhux ħażin għax donnu ma tistax tgħaddi din il-mewġa ta' arja sħuna minn fuqna.

Bħalissa fil-bini tal-kunsill għaddejja attività ftit iktar mis-soltu. Minbarra it-tagħlim tal-*computer*, li hemm diversi klassijiet kemm filgħodu kif ukoll filgħaxija, hemm u ukoll tagħlim ta' *crafts*, u ankè *cake decorating* u *keep fit* fost oħrajn.

Ġejna mitlubin biex sakemm isibu post tagħhom isir tagħlim tal-aljevi tal-banda l-ġdida Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema fil-bini tal-Kunsill. Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, aħna ħassejna li kull għaqda fl-Imġarr li titlob għajnuna u l-Kunsill jkun jista' jgħin mingħajr ma jkun hemm xi indħil la minn naħa u lanqas minn oħra u din tkun għat-tagħlim, bħal dan il-każ għall-mużika u ma jkunx hemm tfixkil fil-ħidma normali tal-Kunsill, aħna bħala Kunsilliera ma sibniex oġġezzjoni. It-tagħlim tal-mużika hija ħaġa tajba u mixtieqa. Nawgura li din ma tkunx furja ta' ftit żmien iżda impenn qawwi ta' sagrifiċċju ħalli dan iseħħ għal ġid komuni tal-Imġarr.

Il-ħidma normali tal-Kunsill tibqa' miexja. Għandna diversi proġetti li għadna qiegħdin nistennew il-permessi li jinħarġu, però minflok nistennew qiegħdin naħdmu wkoll fuq proġetti oħra li jinvolvu ħafna preparazzjoni. Fost dawn il-proġetti ġodda hemm il-bini mill-ġdid tal-bankina fi Triq Fisher, in-naħa tal-wied, li ser issir bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali u ser nirranġaw parti mill-bankina fi Triq il-Kbira bil-ħsieb li jkun hemm żona ta' parkeġġ peress li hemm bosta ħwienet.

Għandna ukoll pjan ta' tkabbir tal-lattrina tal-Ġnejna sabiex tkun tista' toffri servizz ta' *showers* u żieda ta' kwantità u kwalità sanitarji ġodda. Aħna nixtiequ li nagħlqu dawn il-proġetti però dan mhux dejjem jiddependi minna biss iżda minn ħafna entitajiet oħra.

Bħalma żgur tafu fil-21 ta' Ġunju 2012 ġiet iżżurna fekruna li daħlet tbid il-bajd tagħha l-Ġnejna. Avveniment rari ħafna għal Malta. Aħna bħala Kunsill tajna l-appoġġ u kull għajnuna li talbuna l-awtoritajiet. Kellna bosta laqgħat sabiex inkunu nistgħu nagħmlu dak kollu li hu possibli forsi naraw il-fkieren iż-żgħar ifaqqsu u tkun l-Ġnejna l-bajja li tagħthom darhom iżda sfortunatement dan ma seħħx. Ta' min jinnota ukoll li l-fekruna issemmiet barra minn xtutna. Fuljett Awstraljan bl-isem 'Grupp Letteratura Maltija Ink.' ippubblika poeżija miktuba minn Amanda Busuttil dwar din il-ġrajja rari. Bħala kunsill huwa fid-dover tagħna li nissalvagwardjaw l-ambjent ta' madwarna sabiex dawk ta' warajna jkunu jistgħu igawdu dak li n-natura għoġobha tipprovdilna.

*Għandna diversi proġetti li għadna qiegħdin nistennew il-permessi li jinħarġu, però minflok nistennew qiegħdin naħdmu wkoll fuq proġetti oħra li jinvolvu ħafna preparazzjoni.*

## Il-Ġnejna ***Kburija***



Il-baħar maġiku Malti
ikanġi fix-xemx leqqiena
stieden lill-fekruna omm
iġġib 'l-frieħha f'benniena.

Fil-bajja tal-Ġnejna
l-għaram dawruna
bl-aħbar tant kbira
ta' frieħ il-fekruna.

Grazzi ja fekruna leali
li għażilt lilna l-Maltin
fdajtilna 'l uliedek
għamiltna kburin.

Bħal Pawlu ġejt mill-baħar
ġeddidt fina fidi fin-natura
biex min jara, jemmen
jiftakar f'għeruqna
jħares lura…

Kemm Malta kienet għanja
fiż-żmien tal-glorja
dil-fekruna fakkritna li
hawnhekk naqqxet Storja.

**Amanda Busuttil – 24-06-2012**



# Ġemellaġġi, Proġetti EU, Edukazzjoni, Ambjent Rurali u Chairman tal-Kumitat Żgħażagħ Imġarr

**Eman Vella** – *Viċi Sindku*

Il-messaġġ tiegħi jittratta l-irwoli li afdali s-Sindku f'din is-sitt leġislatura tal-Kunsill kif ukoll punti kurrenti tal-ħidma tal-kunsill. Nibda billi nsemmi uħud mill-proġetti li bħalissa qiegħdin naħdmu fuqhom, fosthom il-ġnien tal-*housing estate*, proġett tal-bandli fil-pjazza tal-Imġarr, toroq taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership (*PPP), bankina ta' Triq Fisher u parkeġġ fi Triq il-Kbira. Il-ġnien tal-*housing estate* bdilnielu il-pjanti skont l-indikazzjonijiet li tatna s-Supretendenza tal-Wirt Kulturali sabiex tiġi evitata ħsara lill-fdalijiet arkejoloġiċi misjuba fil-post u bħalissa għaddejja konsultazzjoni mar-residenti u mal-MEPA fuq dawn il-pjanti. Il-Kunsill għaddej ukoll mill-proċess ta' *screening* il-MEPA fuq proposta biex il-bandli fil-pjazza u l-ispazju l-isfel minnhom jinbidlu fi proġett ta' parkeġġ taħt l-art u bandli modern fuqu. Il-proċess ta' *resurfacing* tat-toroq taħt il-PPP twal minħabba l-fatt li l-kuntrattur magħżul inqabad fuq proġetti nazzjonali u b'hekk il-Kunsill ser jibqa jagħmel il-pressjoni meħtieġa sabiex dawn isiru mill-aktar fis. Saret applikazzjoni ukoll sabiex il-bankina ta' Triq Fisher tiġi renovata imma dan għadu fi stadju bikri. L-istess jista' jingħad għal applikazzjoni li l-Kunsill għamel biex tiġi renovata parti minn Triq il-Kbira f'parkeġġ peress li mhux qiegħda tintuża bl-aħjar mod possibli.

*Dawn il-fondi mill-Ewropa huma mezz ta' kif l-Kunsill jkollu aċċess għal finanzjament apparti l-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali.*

F'dan l-artiklu nixtieq nagħmel enfasi partikolari fuq l-importanza tal-proġetti Ewropej u l-fondi lokali li minn żmien għal żmien napplikaw b'suċċess għalihom. Dawn il-fondi huma mezz ta' kif l-Kunsill jkollu aċċess għal finanzjament apparti l-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali. Fost il-fondi Ewropej li applikajna b'suċċess għalihom hemm dawk tal-*Youth in Action* li bihom organizzajna skambju taż-żgħażagħ ġewwa Malta f'Awwissu. Dan l-iskambju ġie organizzat bil-ħidma u id-determinazzjoni tal-Kumitat taż-Żgħażagħ. Qiegħdin nagħtu ċans lil aktar żgħażagħ jżuru pajjiżi Ewropej biex jitgħallmu b'mod informali u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom ma' żgħażagħ oħra. M'għandi l-ebda dubju mir-rispons li jkollna miż-żgħażagħ, li dawn l-iskambji qiegħdin isarrfu f'ġid kbir fil-formazzjoni tagħhom.

Din is-sena applikajna b'suċċess għal fondi taħt l-Iskema tal-Inizzjativi Kulturali li bihom ġew mgħejuna l-Kummisjoni Lejla Mġarrija għal-Festa Frawli kif ukoll L-Imġarr *Drama Youth Company* għal-Festival Ħidmet Missirijietna. Il-Kunsill Lokali jibqa' dejjem miftuħ għal inizzjattivi bħal dawn u dejjem lest jgħin lill-għaqdiet lokali sabiex joperaw f'ambjent ta' għaqda biex verament joħroġ il-ġid fil-komunità. Apparti l-għaqdiet socio-kulturali u dawk reliġjużi, il-kunsill jagħti appoġġ lill-għaqdiet sportivi fir-raħal għax l-isport huwa mezz ta' formazzjoni essenzjali għat-tfal u għaż-żgħażagħ, kif ukoll iżommhom viċin raħal twelidhom. Minn hawn nixtieq nifraħ lit-timijet tal-futbol tal-irġiel u tan-nisa tas-suċċessi li kisbu fl-istaġun li għadda u nawgura kull suċċess lit-tim tal-*volleyball*, li issa għandhom ukoll s-sezzjoni tan-nisa. Nifraħ ukoll lil dawk l-isportivi Mġarrin tas-suċċessi personali u tal-unuri li jiksbu. F'din l-edizzjoni tal-Miġbħa tistgħu taqraw żewġ artikli sportivi; dak fuq l-*Imġarr Karate Club* u dak fuq l-*Imġarr Football Nursery*.

Fondi oħra li qiegħed naħdem fuqhom bħalissa huma dawk relatati mal-Miżura 313 tal-Programm tal-Iżvillupp Rurali li ħadna mill-Grupp Azzjoni Lokali Majjistral. Dawn il-fondi huma relatati ma proġett ta' mixja fil-Ġnien tad-Darrenzi sabiex dan l-ambjent rurali uniku ikun aktar aċċessibli għall-pubbliku. Wara li ġie iffirmat il-kuntratt ta' devoluzzjoni mal-Gvern Ċentrali, bħalissa għaddejjin mill-proċess tal-MEPA sabiex tiġi evalwata l-applikazzjoni biex tinbena struttura li tkun tista' sservi ta' aċċess kontrollat għal ġnien, kif ukoll post ta' nformazzjoni għall-pubbliku. Minbarra dan il-proġett, ingħaqadna ma diversi entitajiet fi proġett ambizzjuż ta' restawr tar-radar ta' żmien l-Ingliżi fiż-żona tal-Għasfura sabiex ikun jista' jintuża għal għanijiet edukattivi u bħala osservatorju. Dan ix-xogħol qiegħed isir flimkien mal-HSBC, l-Università ta' Malta u in-*Nature Trust* u ser jkun l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu f'pajjiżna.

Il-ħidma fuq il-proġetti Ewropej kompliet għaddejja, fejn bil-għajnuna ta' sħabi l-kunsilliera u l-i*staff* klerikali tal-Kunsill, kelli l-oportunità norganizza konferenza fuq il-proġett Cypfire, f'April ġewwa Malta. Din il-konferenza kienet imqassma fi programm ta' tlett ijiem li fihom ġew organizzati diversi attivitajiet għall-*partners* li qiegħdin jieħdu sehem fil-proġett. L-entitajiet rappreżentati

fil-proġett, ġejjin minn Firenze, Palermo, Siena, Valencia, Korsica, Kreta u l-Portugall, u huma fil-maġġor parti universitajiet jew korpi forestali li jaqsmu riċerka kontinwa fuq is-siġar taċ-ċipress. F'Malta kellhom l-opportunità jżuru is-siti esperimentali taċ-ċipress li għandna fil-Ballut u fil-Ġnejna, u flimkien magħhom stajna nifmhu aktar liema siġar irrispondew l-aħjar għal klima u l-ambjent tagħna. Għal konferenza li saret f'lukanda fil-Qawra attendew numru sabiħ ta' għaqdiet lokali li jvarjaw bejn NGOs ambjentali, riċerkaturi u d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

Dawn il-proġetti u l-inizzjattivi huma ftit mix-xogħol li qiegħed jagħmel il-Kunsill Lokali tal-Imġarr. F'dan il-fuljett tistgħu issegwu artikli ta' sħabi l-kunsilliera fuq xogħol ieħor li sar kif ukoll informazzjoni fuq iż-żjara tal-Professur David Trump u informazzjoni fuq is-Sur Ġanni Ċilia li għalih kien iddedikat Ġieħ l-Imġarr ta' din is-sena.

Fir-rigward tal-ġemellaġġ mal-lokalità ta' Mathi fil-Provincia di Torino (IT), sar żvilupp importanti li ta' min isemmieh. Fil-bidu tax-xahar ta' Mejju saru l-elezzjonijiet f'din il-lokalità u nbidlu r-rappreżentanti li konna qiegħdin naħdmu magħhom. Għalhekk bdejna nibnu kuntatt ġdid mas-Sindku u l-kunsilliera l-ġodda ta' Mathi sabiex inkomplu naħdmu id f'id għal ġid taż-żewġ komunitajiet.

Nagħlaq billi insemmi ġrajja li qiegħda fuq fomm kullħadd u li affettwat l-attivitajiet li jiġu organizzati fil-Bajja tal-Ġnejna. Iva, qiegħed nirreferi għal dik il-fekruna kuraġġuża li telgħet tbid il-bajd tagħha f'bajja fil-lokalità tagħna. Dan huwa fenomenu naturali rari ħafna għal pajjiżna u kien għalhekk li l-Ġnejna ingħatat *status* ta' *Emergency Conservation Area*. Wieħed jista' jsegwi l-implikazzjonijiet ta' din l-ordni maħruġa mill-MEPA billi jaċċessa il-*website* tal-awtorità (www.mepa.org.mt). Għal din ir-raġuni l-attività tal-*Beach Volley Tournament* kellha tiġi posposta u tiġu nfurmati jekk tkun ser tiġi organizzata aktar 'l quddiem.

Filwaqt li nawguralkom il-kumplament tas-sena t-tajba, nibqa dejjem lest li nilqa l-kummenti u l-ilmenti tagħkom sabiex jissarfu f'ġid għal lokalità tagħna.

*Dan huwa fenomenu naturali rari ħafna għal pajjiżna u kien għalhekk li l-Ġnejna ingħatat status ta' Emergency Conservation Area.*



# Xitwa lilek Nistenna

**Eman Vella 10/7/12**

Oh xitwa lilek niggosta
Miegħek dejjem innamrajt
Bil-frisk, xita u l-kesħa
Lilek dejjem ammirajt

Kultant l-ajru jissaħħab
U tagħmel xi maltempata
Bix-xita ttektek mat-tieqa
Ikun fik l-isbaħ xalata!

Meta jriegħed u jberraq
Int tfakkarni fil-ħallieq
Aħjar li nitgeddeż sewwa
Milli jaħkimni l-eħtrieq

Inti l-istaġun tal-ħajja
Kampanja timla bil-ħdura
Fil-widien l-ilma jgelgel
Kif tgħaxxaqha n-natura

Fuq is-sajf inti sultana
Dak staġun niexef u krudil
Bil-għatx donnu jeqridni
B'jum mill-itwal u qalil

Xitwa nistenniek bil-ħerqa
Sabiex bis-saħħa timlieni
Pulmun nimla bl-arja friska
X'ħin noħroġ filgħodu kmieni

Dan l-għaraq li għandi fuqi
Bħal donnu m'għandux waqfien
Ejja xitwa ħa tneħħijuli
U naffarli dad-dubbien!



# Attivitajiet Kulturali, Attivitajiet Soċjali, Sports u Viċi Chairperson fil-Kumitat Żgħażagħ

**Clayton Gauci** – *Kunsillier*

***Għeżież Mġarrin,***

Nispera li kulħadd jinstab tajjeb. Iż-żmien għaddej u miegħu għaddejjin ukoll diversi xogħlijiet u attivitajiet li l-Kunsill iwettaq u jtella' minn żmien għal żmien.

Bħal ma tafu, kultant l-affarijiet ikunu qiegħdin jidhru li qed jsiru bilmod ħafna però nassigurakom li l-Kunsill qatt ma jaqta' l-ħidma tiegħu u l-pressjoni li għandha ssir biex dak li għandu jitwettaq, jitwettaq f'qasir żmien. Qed nirreferi għat-toroq li suppost kellhom jsiru 'l fuq minn sena u nofs ilu però s'issa għadhom ma sarux. Il-Kunsill għamel il-pressjoni kollha tiegħu biex jibdew u jitlestew dawn it-toroq, pero` l-problema hija li l-kuntrattur għandu diversi xogħolijiet oħra li jridu jitlestew qabel jibda t-toroq tagħna. Aħna bħala Kunsill ser nibqgħu nagħmlu l-pressjoni kollha possibli biex dawn it-toroq jitlestew.

Proġett ieħor li l-Kunsill ilu jitkellem dwaru huwa l-ġnien tal-*Housing Estate*. Proġett li x-xogħol fuqu ilu li beda' 'l fuq minn tlett snin. Dan il-progett ħa fit-tul minħabba fdalijiet u għadam li nstabu fih. Iżda fl-aħħar għandna l-permessi neċessarji biex dan l-proġett jkun jista' jibda u nittamaw li jibda fiż-żmien li ġej biex b'hekk jkun jista jidgawda minna l-Imġarrin.

Hemm ħafna nies li qiegħdin iwaqqfuni u jistaqsuni meta ser jitkompla l-bandli tal-pjazza. Dan il-bandli kellu jinqala minħabba li saru spezzjonijiet fuqu kif stipulat mil-liġi u m'għaddiex minn l-istess spezzjonijiet u għalhekk kellhom jinqalgħu. Il-Kunsill ħaseb biex jsiru bandli ġodda u ġie avviċinat il-perit tal-Kunsill biex jfaslilna pjanti ġodda. Dawn il-pjanti ħarġu u qiegħdin f'idejn il-Mepa biex igħaddu għal-proċess li hemm bżonn biex fl-aħħar joħroġ il-permess. Nittamaw li l-permess joħroġ fi żmien qasir ħalli nkunu nistgħu inlestuh.

*Il-Kunsill qatt ma jaqta' il-ħidma tiegħu u l-pressjoni li għandha ssir biex dak li għandu jitwettaq, jitwettaq f'qasir żmien.*

Proġett li fi Frar li għadda ħadt ħafna pjaċir naħdem fuqu u nirringrazzja lill-sħabi Kunsilliera talli tawni l-inkarigu li nieħu ħsieb dan il-progett, kienu s-silos tal-qamħ li l-Kunsill għandu f'idejh. Wara x-xewqa ta' ħafna li dawn is-silos jitħaddmu u jkunu jistgħu jintwerew lill-poplu kollu, l-Kunsill iddeċieda li nqabbdu inġinier biex jagħtina rendikont tal-ħsara li hemm u x'hemm bżonn li jittranġa biex dawn is-silos jaħdmu. Għalhekk il-Kunsill għażel lis-Sur Terry Egan, mill-kumpanija Ingliża *Millcraft Engineering Ltd*, inġinier li huwa espert fuq dawn is-silos. Is-Sur Egan kien fostna fi Frar li għadda u għal tlett ijiem sħaħ għamel l-ispezzjonijiet kollha neċessarji fuq is-silos u l-makkinarju li hemm. Nistqarr magħkhom li hu affaxxina ruħu kemm l-mekkaniżmu għadu fl-stat oriġinali tiegħu. Is-Sur Egan bagħtilna l-istima u nfurmana li biex jitħadmu dawn is-silos trid tintefaq is-somma ta' kwazi €175,000. Din is-somma għal Kunsill hija daqsxejn kbira, però il-Kunsill ser jaħdem biex naraw nistgħux napplikaw għal xi fondi tal-Unjoni Ewropeja jew ankè naraw insibux xi għajnuna minn kumpaniji Maltin. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sur Aidan Xuereb li flimkien miegħi konna l-kordinaturi tal-proġett s'issa. Nisperaw li nsibu l-għajnuna neċessarja biex forsi xi darba naraw dawn is-silos jaħdmu.

Bħal kull sena oħra l-Kunsill tella' diversi attivitajiet. Nixtieq nirringrazzja minn qiegħ qalbi lil kull voluntier li f'xi attività jew oħra tana l-għajnuna tiegħu. Li kieku ma jkollniex dawn in-nies jgħinuna kieku ma nagħmlux dawn l-attivitajiet kollha. Nibda biex ngħid proset lil dawk li ħadu l-Unur  ta' Ġieħ l-Imgarr li bħal kull sena ġie organizzat għal ħabta ta' Frar fis-sala tal-iskola.

Attività oħra issa familjari sewwa kienet Festa Frawli li għal din is-sena l-Kunsill ħadem ħafna biex inaqqas il-problema tat-traffiku. Problema li dejjem tikber u għalhekk din s-sena l-Kunsill flimkien mal-Kummissjoni Lejla Imġarrija ħaseb li jsib żewġ għelieqi kbar biex ikunu jistgħu jipparkjaw il-karozzi fihom u b'hekk innaqsu t-traffiku mir-raħal. Ħafna nies użaw dan is-servizz però ħafna oħra ma użawhx bil-konsegwenza li kellna ħafna karozzi li pparkjaw f'toroq dojoq u ikkaġunaw traffiku kbir. Il-Kunsill flimkien mal-kummissjoni ser jaħdem biex sena oħra jintuża' aktar is-servizz tal-parkeġġ biex b'hekk jitnaqqsu l-karozzi mit-toroq tar-raħal. Minn hawn ngħid prosit kbira lill-kummissjoni u lill-voluntiera kollha tax-xogħol tagħhom għax flimkien Festa Frawli reġgħet kienet suċċess ieħor.

F'Lulju erġajna assistejna għall-attività Festival Ħidmet Missirijietna fejn bl-għajnuna tal-Oratorju u Kummissjoni Palk erġajna tellajna din l-attività hekk sabiħa. Attività fejn l-poplu Malti u Għawdxi kollu flimkien ma ħafna emigranti li kellna f'din l-attività, kulħadd seta' jara x-xogħol li l-bidwi Malti kien jagħmel. Din l-attività

hija differenti minn oħrajn minħabba li n-nies qiegħdin inniżluhom fl-għelieqi u jmissu b'idejhom ix-xogħol ta' missirijietna. Nirringrazzja lill-Oratorju u lill-Kummisjoni Palk tax-xogħol kbir li ħadu biex tellgħu din l-attività.

Ngħaddi biex bħal ma kif nagħmel dejjem nagħti xi awguri u tifħir lil xi għaqdiet li matul din s-sena għamlu isem tajjeb lir-raħal tagħna. Nibda biex insemmi lill-*Imġarr Football Club* li ġabu żewġ suċċessi sbieħ lill-*club*. Kellhom il-promozzjoni tat-*team* tan-nisa li b'sagrifiċċju kbir mill-*coaches* u l-assistenti tagħhom ġew promossi u kellna ukoll it-*team* tal-kbar fejn dawn ġew promossi ukoll mit-tielet għat-tieni diviżjoni. Min qalbi nixtieqilkom kull suċċess.

Insemmi wkoll lill-*Imġarr Volleyball Club*. Dan il-*club* bil-mod qiegħed jikber ukoll, u li fejn sa issa kellhom *team* wieħed biss, dak tal-irgiel, dan is-sajf ħabbru li ser jgħaqqdu t-*team* tan-nisa ukoll. Bi pjaċir ġejt infurmat li t-*team* tan-nisa ingħaqad u beda jittrenja u hemm konkorrenza qawwija ta' *players* mir-raħal tagħna u ankè minn barra. Hemm ħsieb biex f'Ottubru li ġej jibdew jilgħabu fil-*league*. Prosit ħbieb u ibqgħu ttrenjaw u ilagħbu b'determinazzjoni ħalli inġibu riżultati tajbin għar-raħal tagħna.

Nixtieq min hawn ukoll ngħid prosit lil Daniela Darmanin, lil Christian Galea u liċ-ċkejkna Gaia Cauchi  li ukoll fid-delizzju rispettiv tagħhom għamlu unur lill-Imġarr.

Nagħlaq billi nirringrazzjakom kollha tas-sapport li tagħtuni biex nibqa' naħdem għal ġid ta' raħal twelidi, ir-raħal li għamilni dak li jien illum. Inselli għalikom ħbieb!











# Servizzi Pubbliċi u Bozzoz

**Giovanni Gatt** – *Kunsillier*

## ARBLI U LINJA 33KV

Xi ħaġa li kienet iddejjaqni ġor-raħal tagħna kienu dawk l-arbli kbar u perikolużi ħafna tal-linja 33KV. Kelli x-xorti li nkellem lill-Onorevoli Philip Mifsud biex jagħmel Mistoqsija Parlamentari (13572) dwar dawn l-arbli biex jispiċċaw darba għal dejjem minn ġor-raba'. Jiena nirringrazzja lil Enemalta li llum dawn l-arbli spiċċaw. Grazzi ukoll lil min kien responsabbli ta' dan ix-xogħol. Issa meta tħares minn ta' Falka, Binġemma, u l-Lippija hemm differenza u ambjent isbaħ.

*Issa meta tħares minn ta' Falka, Binġemma, u l-Lippija hemm differenza u ambjent isbaħ.*

## LAMPI ĠODDA

Saru dawn il-lampi ġodda fl-Imġarr:

- 2 – Ta' Mrejnu
- 1 – Il-Palma
- 1 – Triq iċ-Ċagħaq
- 2 – Iż-Żebbiegħ fejn il-Knisja
- 1 – Ġo Sqaq fi Triq il-Kbira

## ĦSARAT FID-DAWL

Fir-rigward tal-linji ta' dawl ġodda u arbli ġodda, kemm-il darba jkolli kuntatt mas-Sur Charles Fenech, il-*foreman* tal-Enemalta u nkellmu fuq ħsarat li jkun hemm. Dan ix-xogħol isir fil-pront għax tarah fil-post.






# Sezzjoni Anzjani, Tindif ta’ Toroq u Bajjiet

**Maria Said** – *Kunsilliera*

Għaddiet nofs is-sena u reġa’ wasal s-sajf, żmien sabiħ speċjalment għat-tfal tal-iskola u l-ħaddiema kollha li forsi jieħdu l-vaganzi tagħhom mix-xogħol u jirrilassaw xi ftit mir-rutina ta’ kuljum. Aħna l-Imġarrin xortina tajba għax għandna l-bajja tal-Ġnejna ħdejna u forsi jkun aktar faċli li ngawdu l-baħar aktar minn ħaddieħor.

- Għalhekk nixtieq nappella sabiex wara li nużawha, nħallu l-affarijiet fi stat tajjeb u nadif għal ħaddieħor li jiġi warajna, speċjalment nies minn irħula oħra u turisti.
- Qiegħda nirreferi għall-użu tal-*bins* u t-*toilets*, u *parking area*. Jien minn naħa tiegħi qiegħda nagħmel minn kollox biex l-alka li tinġema’ ta’ kuljum tinġabar kif suppost u fil-ħin.
- Għamilt appell lil-kunsill biex forsi tiġi mnaddfa l-bajja miċ-ċagħaq u ġebel kbir li fiha ħalli tkun aktar pjaċevoli u ta’ sigurtà li tinżel fl-ilma mingħajr ma tikser saqajk.
- Għal filgħaxija, tlabt li jkun hemm aktar dwal speċjalment fuq in-naħa tax-xellug tal-bajja, peress li bħalissa jkun hemm dlam taqtgħu b’sikkina u hemm lok ta’ abbuż u periklu.
- L-aħħar u mhux l-inqas, għamilt premura kbira fil-kunsill sabiex jittranġaw it-*toilets* billi jiġu akbar u forsi jiġu nstallati *showers* (anke jekk isir bi ħlas).

*Aħna l-Imġarrin xortina tajba għax għandna l-bajja tal-Ġnejna ħdejna u forsi jkun aktar faċli li ngawdu l-baħar aktar minn ħaddieħor.*

Rigward it-taqsima tat-toroq, nixtieq nappella sabiex in-nies jikkoperaw iżjed u jkunu konxji tar-regolamenti rigward l-iskart. Jiddispjaċini ngħid li għad fadal ħafna nies li jaqbdu u joħorġu l-iskart tagħhom x’ħin ifettlilhom, b’detriment li dan idum ma jinġabar u joħloq ħafna ħmieġ, intejjen u nkonvenjenza għal nies oħra, speċjalment meta dawn it-tagħlin ipoġġu l-iskart tagħhom wara bieb ħaddieħor. Eżempju ċar huwa fi Triq il-Kbira, taħt is-siġar taħsbu li hemm xi miżbla, għax ħafna żibel qiegħed jinġema’ hemm. Din il-ġimgħa anke televiżjoni rajt mormi, għarukaża u dan meta kullħadd jaf li għandna s-servizz tal-ġbir tal-iskart goff b’xejn fil-kunsill. Infakkarkhom li l-iskart jinġabar it-Tlieta u l-Ġimgħa il-borża l-GRIŻA u l-bqija tal-ġimgħa il-borża s-SEWDA.

Wasluli ħafna lmenti rigward l-iżgombru li qiegħdin joħolqu ċerti ħwienet fil-pjazza bl-imwejjed u s-siġġijiet li joħorġu quddiem in-negozji tagħhom u dan għax qiegħed ikun diffiċċli li tgħaddi minn fuq il-bankina kif suppost, speċjalment nisa bil-*pushchairs* u anzjani li jkollhom joqgħodu jinżlu taħt il-bankina b’detriment għal ħajjithom għax it-traffiku żdied. Irridu nagħmluha ċara li l-bankini qiegħdin għan-nies.

Il-kunsill qiegħed jagħmel minn kollox sabiex il-proġett tal-bandli jitlesta fl-inqas żmien possibbli, imma ċertu affarijiet ma jiddependux minna biss. Nafu li dawn il-bandli huma żvog kbir għal ħafna tfal u żgħażagħ li jiffrekwentawhom u għalhekk inqalgħu, sabiex ikunu aktar moderni u siguri.

Nagħlaq billi nappella lil kull min għandu xi kumment jew appell li jixtieq iwassal għal ġid tar-raħal tagħna sabiex javviċinani jew iċempel u fejn huwa possibbli nassigurakom li nagħmel minn kollox biex nirranġaw l-affarijiet.

## ĠBIR TA’ ĦĠIEĠ

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr jixtieq jinfurmakom li l-ħġieġ mhux ser jibqa’ jinġabar kull ġimgħa iżda kull ħmistax. Dan ser jibda’ jseħħ minn nhar it-Tnejn 24 ta’ Settembru. Imbagħad ikun imiss li jinġabar nhar it-Tnejn 8 t’Ottubru. Hawn taħt għandkom id-dati ta’ meta ser jinġabar il-ħġieġ:

| | |
|---|---|
| 24 ta’ Settembru | 8 ta’ Ottubru |
| 22 ta’ Ottubru | 5 ta’ Novembru |
| 19 ta’ Novembru | 3 ta’ Diċembru |
| 17 ta’ Diċembru | 31 ta’ Diċembru |



***Il-Kunsill jirringrazzjakom tal-koperazzjoni tagħkom.***



# Mill-Librerija tal-Kunsill

**Dorianne Mifsud**

Għal din it-tieni edizzjoni, bix-xieraq li nsemmu xi kotba ta' Ġanni A. Cilia u ta' Dr. David H. Trump. Tajjeb li tkunu tafu li dawn iż-żewġ persuni ħallew impatt tajjeb fuq ir-raħal tagħna. Ġanni A. Cilia fl-1956 kien surmast fl-iskola primarja tal-Imġarr filwaqt li David H. Trump kien beda l-iskavi tat-Tempju ta' Skorba madwar 50 sena ilu. Din is-sena fl-okkażżjoni ta' *Ġieħ l-Imġarr*, is-Sala tal-Iskola Primarja issemmiet għas-Surmast Ġanni A. Cilia filwaqt li Dr. David H. Trump ingħata l-Ġieħ.

Il-kotba li ser insemmu huma: *L-Imġarr Matul iż-Żminijiet – X'naf u x'Niftakar Dwaru, Ġabra ta' Poeżiji u Innijiet, Malta Prehistory and Temples, u Cart-ruts and their impact on the Maltese landscape.*




## L-Imġarr Matul iż-Żminijiet – X'naf u x'niftakar dwaru

Dan il-ktieb, ippubblikat fl-1998 miktub minn Ġanni A. Cilia, jagħti bosta dettalji dwar ir-raħal ċkejken tagħna. Fosthom insibu informazzjoni dwar minn fejn ġie l-isem, il-formazzjoni tal-blat, in-nixxiegħat tal-ilma, s-siġar differenti li jħaddru dan ir-raħal u dettalji oħra li x'aktarx ftit huma dawk li taw kashom. Insibu ukoll informazzjoni dwar is-siti storiċi li għandna fir-raħal li ġew imqassmin skont il-perjodi storiċi.

F'dan il-ktieb insibu wkolli dwar kif l-Imġarr sar parroċċa. Dan kollu beda 1896 meta xi nies urew din ix-xewqa lill-Isqof Pietru Pace. Fit-12 t'Ottubru 1898 fl-ittra pastorali li nqrat fil-Knejjes ta' Malta ġie magħruf li l-Imġarr sar Parroċċa u Dun Ġlormu Chetcuti kien l-ewwel kappillan tal-Imġarr. Nidħlu wkoll fil-ħolma tal-Imġarrin: dik li jkollhom Knisja akbar. Naraw minn xiex għaddew u saħansitra ssib ir-rati li bihom kienu jitħallsu l-ħaddiema.

Dan il-ktieb jista' jgħin lil kull student li jixtieq jagħmel xi proġett fuq l-Imġarr peress li jibqa' jagħtina l-informazzjoni sal-1998. Matul iż-żminijiet li jissemmew tista' tara ċar il-kambjament tar-raħal.




## Ġabra ta' Poeziji u Innijiet

Dan il-ktieb miktub minn Ġanni A. Cilia ġie ippubblikat għall-ewwel darba fl-1999 u reġgħa ġie ippubblikat għall-okkażżjoni tal-inawgurazzjoni tas-Sala tal-Iskola Primarja. Fih insibu ġabra ta' poeziji u innijiet miktubin minn Ġanni A. Cilia.

Wara kull innu jew poeżija insibu ftit informazzjoni dwar kif nibtet l-idea li jinkiteb. Tista' tgħid li kważi kull innu jew poeżija jitratta suġġett dwar l-Imġarr jew x'kien qiegħed jiġri fir-raħal. Fosthom insibu l-innu *L-Imġarr Iben Marija, Aħna Tfal minn tal-Kruxxun, Radd il-Ħajr lil Dun Orazjo Vella, Nifirħu lil Dun Willie Vella u oħrajn.*

**IL-LIBRERIJA MIFTUĦA FIL-ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU**




## Malta Prehistory and Temples

Dan il-ktieb inkiteb minn Dr. David H. Trump u ġie ippubblikat għat-tielet darba minn Heritage Malta u l-Ministeru tal-Finanzi fl-2008.

F'dan il-ktieb insibu bosta informazzjoni dwar il-preistorja u it-tempji ta' Malta u t'Għawdex. Filfatt fil-bidu ta' dan il-ktieb insibu bħal kalendarju sempliċi li juri ż-żminijiet li jitratta fuq dan il-ktieb. Insibu Żmien Neolitiku, Żmien il-Bronż u l-Ħadid u Żmien Puniku/Ruman. Taħt kull żmien insibu s-siti storiċi li jagħmlu ma dawn il-perjodi għalhekk huwa faċli ssib is-sit li tkun interessat fih.

David H. Trump ma jiddisrkrivix biss it-tempji, iżda jtina deskrizzjoni mill-aqwa tal-istatwetti, tafal u materjal ieħor li nstab waqt l-iskavi ta' dawn is-siti. Naturalment dan il-ktieb ma jittrattax biss tempji iżda jinkludi wkoll siti mhux magħrufa.




## Cart-Ruts and their impact on the Maltese Landscape

➲



# Skorba Temples 50 Years On

**Professor David Trump**

Professor David Trump, the archaeologist who excavated Skorba Temples 50 years ago was awarded Ġieħ L-Imġarr medal for his contribution towards our locality. Together with his wife, he visited Imġarr in April where he met the Local Council members and shared his vast expierence on this archaelogically rich locality. We are hereby publishing the speech he prepared for Ġieħ L-Imġarr 2012.
"While deeply honoured by this presentation, those who most deserve recognition are the distant people who left us such a wealth of material and, above all, information at the site of Skorba. Not that they realised then that they were doing so, still less that their rubbish would last better than their buildings!
At the time we started the dig there fifty years ago, we could not guess, nor at our most optimistic imagine, how rewarding it was going to be. When we opened the garden in the little square at Żebbiegħ in 2006, I commented that, although the Skorba Temple was a modest one compared with those across the islands, even compared with Ta' Ħaġrat here in Imġarr, it had been more informative on Maltese prehistory than all the others put together. I still stand by that claim.



*Professor David Trump together with his wife and Mġarr Local Councillors*

For a start, we not only confirmed the suspected temple but added a second and completely unsuspected alongside it. It had thrown new light on the position of the temple priesthood by showing that they had reserved to themselves access to the innermost apse by having an added wall and closing door added, on other temples as well as this one. It showed the re-use of the temples by squatters in the Bronze Age. Even more, the newly revealed buildings in the field to the east showed us for the first time where the temples had come from, by providing the first structures ancestral to the temples proper.

Also the deep stratified deposits in the field behind the temple, unprecedented in Malta and still, fifty years later, unrivalled, both confirmed and added to the cultural sequence. The 11 metres of wall we found under what became the south-west corner of the temple we could remarkably attribute, on the strength of the potsherds we found in the deposit banked against it, to the first settlers in Malta, the first Maltese. It also gave evidence of the crops they raised and their domestic animals, and the charcoal fragments could be analysed by radiocarbon to date it to 5000BC.

I find it very surprising, and in a sense gratifying, that our findings at Skorba still hold such a prominent place in Maltese prehistory.

But the story is not over yet. We should look to the future as well as to the past. New research by a team under Prof. Darvill of Bournemouth University is currently researching the site's setting, which will surely yield new understanding of its significance. Nor can we rule out accidental discoveries, here or elsewhere, like the cart-rut group by the roundabout at the entrance to Imġarr. Archaeology never stops throwing up new surprises."

## Mill-Librerija tal-Kunsill

Dan il-ktieb ta' Dr. David H. Trump ġie ppubblikat fl-2008 u jagħmel parti mill-*Heritage Books*.

B' mod tassew sempliċi, dan il-ktieb jiddeskrivi 70 sit li fihom insibu r-raddi li sal-lum għadna ma nafux eżatt għal xiex kienu jintużaw. Fl-indroduzzjoni ma jistax jonqos it-teoriji diversi dwar kief inħolqu dawn ir-raddi. B' bosta ritratti tas-siti Trump jiddiskrivi u jikklassifika dawn ir-raddi f'disa' kategoriji.

Fil-bidu u fl-aħħar paġna tal-ktieb insibu ukoll mappa ta' Malta u Għawdex li juru fejn insibu dawn ir-raddi.



# Rapport Amministrattiv Annwali għas-sena 2011

**Cyprian Dalli**

Il-Kunsill tas-Sitt Leġislatura, li ħa l-ġurament fit-30 ta' Ġunju 2009, huwa ffurmat mis-Sur Paul Vella, Sindku, is-Sur Eman Vella, Deputat Sindku, is-Sur Clayton Gauci, is-Sur Giovanni Gatt u s-Sinjura Maria Said bħala Kunsilliera. Dan il-Kunsill se jdum fil-kariġa erba' snin, jiġifieri sas-sena 2013.

Il-Kunsill Lokali hu kommess sabiex ikun ta' servizz lejn il-kommunità u għaldaqstant, minnbarra l-irwol tiegħu hekk kif deskritt fil-Liġi, matul il-leġislatura kollha, joħloq, jorganizza u jmexxi attivitajiet bl-għan li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-lokalità. Dawn li ġejjin huma uħud mill-attivitajiet u l-avvenimenti li seħħew matul is-sena 2011.

### THAWWIL TA' SIĠAR

Waħda mill-ewwel attivitajiet tas-sena kien b'risq l-ambjent, fejn tfal mill-iskola primarja tal-lokalità ħawwlu numru konsiderevoli ta' siġar fl-inħawi ta' Triq il-Karamelli. Attivitatijiet bħal dawn, barra milli jtejbu s-sitwazzjoni tal-ambjent, għandhom ukoll element importanti ta' edukazzjoni u tisħiħ ta' valuri ċiviċi fil-ġenerazzjoni futura.

### ĠIEĦ L-IMĠARR

Wieħed mill-aktar avvenimenti importanti u mistennija fil-lokalità hija l-lejla ta' 'Ġieħ l-Imġarr' fejn fiha persuni li jkunu ħadmu b'risq dan ir-raħal u dak kollu marbut miegħu jingħataw apprezzament għall-ħidma tagħhom. Fl-attività tas-sena 2011, ma ngħata l-ebda' Ġieħ, iżda ingħataw 3 Rikonnoxximenti. Matul is-sena 2011, il-Kunsill ħa l-innizzjattiva biex jitwaqqaf sotto-kumitat għal dan l-avveniment. Waħda mill-ewwel reviżjonijiet li dan is-sotto-kumitat wettaq kienet fir-regolamenti li diġa' daħlu fis-seħħ fl-edizzjoni tal-2012.

### XOGĦOL FUQ IZ-ZUNTIER TAL-KNISJA

Matul ix-xahar ta' Frar, sar xogħol ta' rinnovament fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. Kien ilu jinħass il-bżonn ta' dan ix-xogħol u issa li twettaq jista' jitgawda miċ-ċittadini tal-lokalità kif ukoll minn nies li jżuru l-inħawi ta' Wesgħat il-Ġublew.

### FESTA FRAWLI

Attività oħra ferm mistennija kemm mill-Maltin kif ukoll mill-barranin hija dik ta' Festa Frawli, organizzata mill-Kummissjoni Lejla Mġarrija. Il-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu f'din l-attività.

Din is-sena ġie ukoll provdut servizz ta' *Park and Ride* minn Ta' Qali li kien wieħed popolari ħafna u hemm il-ħsieb li din is-sena jiġi estiż biex ikun jista' jakkomoda aktar nies.

### ESEBIZZJONIJIET TAL-ARTI

Matul is-sena l-bini amministrattiv kompla jaqdi l-funzjoni tiegħu bħala mużew tal-Arti Moderna. Fih mhux biss hemm esebiti 450 opra artistika mgħoddija minn Dame Francoise Tempra, imma serva wkoll ta' post ta' esebizzjoni għall-wirjiiet temporanji.

F'April kien hemm żewġ esebizzjonijiet: 'Homage to Picasso' b'xogħolijiet tal-pittur Spanjol Quintanilla, kif ukoll esebizzjoni ta' artisti Maltin bl-isem ta' *Maltese Artists in the World*. F'Ottubru imbagħad kien hemm wirja oħra bit-tema '*USA Heritage to Malta*'. Dawn kollha ġew ikkurati minn Dame Tempra.

Wirja oħra interressanti kienet dik ta' artisti mill-Imġarr. Din saret għal żmien il-Milied.

### ĦUĠĠIEĠA TA' SAN ĠWANN

Il-Kunsill ħaseb ukoll biex jippreserva l-element folkloristiku u tradizzjonali ta' tradizzjonijiet tipikament Maltin. Waħda minn dawn l-attivitajiet tradizzjonali oħra dik tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann li għaliha pparteċipaw l-għaqdiet tal-lokalità.

### FESTIVAL ĦIDMET MISSIRIJIETNA

Attività marbuta mal-folklor u tradizzjonijiet lokali hija l-festival Ħidmet Missirijietna, li ġie organizzat għat-tieni sena. Dawk li jattendu f'din attività jiskopru kif kienet il-ħidma agrikola bil-metodu ta' missirijietna. Il-protagonisti f'din l-attività kienu il-qiegħa tal-qamħ tradizzjonali fl-għelieqi u l-ħart bil-bhejjem. F'din it-tieni edizzjoni kien hemm attendenza aktar numeruża u dan il-festival ser jerġa' jiġi organnizzat ukoll din is-sena u hemm il-pjan li jsir aktar investiment fih, speċjalment permezz ta' fondi mogħtija apposta minn skemi ta' inċentivi mill-Gvern.

### LEJLA MĠARRIJA

Waħda mill-aktar avvenimenti importanti matul ix-xhur tas-sajf hija l-Lejla Mġarrija. Din hija attività popolari ħafna u tkun mistennija minn bosta Maltin. Tiġi organizzata mill-Kummissjoni Lejla Mġarrija, il-Kunsill Lokali jagħti sehem u jgħin f'din l-attività. Wirjiet ta' ħxejjex u frott, ta' makkinarju antik, ta' karrozzi antiki kif ukoll snajja tradizzjonali u varjetà jagħtu l-ħajja lil din l-attività li tkompli tixhed l-impenn tal-Kunsill biex jisalvagwardja l-identità unika tiegħu.

### KONFERENZA TAL-PROĠETT BIOLMED

Matul Lulju il-Kunsill Lokali ospità il-konferenza internazzjonali tal-proġett BIOLMED. Dan hu proġett bejn diversi organizzazzjonijiet ta' pajjiżi mill-Mediterran fejn qed isir studju xjentifiku dwar is-siġar taż-żebbuġ u l-produzzjoni ta' żejt taż-żebbuġ organiku.

Id-delegazzjonijiet li attendew din il-konferenza żaru l-bini tal-Kunsill fejn kellhom il-laqgħat kif ukoll ġew imdawra f'diversi postijiet Maltin u kellhom l-opportunità li jduqu ikel tipiku Malti. Kollha kellhom kliem ta' tifħir għall-organizzazzjoni ta' din il-konferenza.

### KORS TAD-DRAMA

Waħda mill-aktar rwoli importanti tal-Kunsill huwa dak li jippromwovi

aktar tagħlim extra-kurrikulari fost it-tfal tal-lokalità. Għaldaqstant ġew organizzati korsijiet immirati apposta għal dan il-għan. Kors li dam sejjer matul is-sajf kollu kien dak ta' drama fejn tfal iltaqgħu flimkien, tgħallmu metodi ta' teatru u produzzjonijiet viżivi u fl-aħħar ħadmu fuq produzzjoni imtella' minnhom stess fl-aħħar tas-sajf.

### KORS KOLLOX KREATTIV
Kors ieħor imtella' mill-Kunsill fil-bini amministrattiv kien dak bl-isem ta' 'Kollox Kreattiv'. Dan ressaq lit-tfal li pparteċipaw fih qrib metodi innovattivi ta' tpinġija, *crafts* u affarijiet oħra relatati. Dan il-kors kien wieħed popolari u ta' min jirrimarka li dan tmexxa miż-żewġ membri tal-istaff tal-Kunsill fuq inizzjattiva personali tagħhom.

### ĦARĠA GĦAT-TFAL
Attività oħra immirata għat-tfal kienet il-ħarġa organizzata mill-i*staff* tal-Kunsill li saret matul il-vaganzi ta' Novembru. Il-ħarġa kellha l-lat edukattiv tagħha permezz ta' żjara fil-Mużew tat-Tunnara kif ukoll ix-xeħta ta' rikreazzjoni b' ħarġa sa *Popeye Village*.

### ATTIVITAJIET FIL-*CAR-FREE DAY*
Il-Kunsill Lokali tagħna kien wieħed minn dawk il-ftit Kunsill li rċieva fondi mill-Gvern wara li kkommetta ruħu li jorganizza attivitajiet fil-ġurnata internazzjonali tal-'Car-Free Day' f'Settembru li għadda. Ġew organizzati diversi attivitajiet matul din il-ġurnata, fosthom *sports* għal kulħadd, metodi ta' trasport favur l-ambjent, logħob tradizzjonali u mixjiet.

### TOROQ U BANKINI
It-toroq u l-bankini madwar l-Imġarr inżammu f'kundizzjoni tajba permezz ta' manutenzjoni kontinwa tal-*handymen*, li kienu responsabbli għal dan ix-xogħol, filwaqt li nqata' l-ħaxix b'mod kontinwu mit-toroq rurali. Ġie ffirmat kuntratt ġdid tas-servizz għall-linji tat-toroq u tabelli tat-traffiku wara li dak passat kien skada.

### DWAL TAT-TOROQ
Ġew installati numru ta' bozzoz ġodda biex ikomplu jdawwlu kif jixraq it-toroq tagħna. Barra minn hekk il-Kunsill qed jara li l-manutenzjoni tal-bozzoz issir b'mod immedjat għal ġid tar-residenti.

### KUMITAT ŻGĦAŻAGĦ IMĠARR
Il-ħidma fil-Kumitat Żgħażagħ Imġarr tibqa' għaddejja b'mod kontinwu sabiex isservi ta' xprun għall-Kunsill u żżomm aktar żgħażagħ involuti fl-attivitajiet ġewwa r-raħal. Dan il-kumitat jiltaqa' regolarment sabiex jorganizza attivitajiet għaż-żgħażagħ u jagħti daqqa t'id fl-operat tal-Kunsill Lokali.

### AĊĊESS GĦAT-TEMPJI TA' SKORBA U TA' ĦAĠRAT
Il-Kunsill Lokali kompla jtejjeb u joffri is-servizz tiegħu fil-bejgħ ta' biljetti għat-tempji Ta' Skorba u Ta' Ħaġrat. B'hekk dawn it-tempji ta' Wirt Storiku Dinji ma baqgħux jinfetħu biss għal ftit ħin kull nhar ta' Tlieta. Illum wieħed jista' jaqta' l-biljetti mill-Kunsill Lokali u jżur dawn it-tempji kull nhar ta' Tlieta, Ħamis u Sibt.

Il-Kunsill kellu wkoll diversi laqgħat ma' *Heritage Malta* biex jiġu esplorati metodi u proċeduri li jkomplu jtejbu dan is-servizz.

### VAĊĊIN TAL-INFLUWENZA
Il-Kunsill offra għal darb'oħra s-servizz biex l-anzjani tal-lokal jingħataw il-vaċċin tal-influwenza. Ħafna residenti għamlu użu minn dan is-servizz.

### *HAMPERS* TAL-MILIED
Fil-ġimgħat tal-Milied reġa' sar it-tqassim tal-*Hampers* lil madwar 30 persuna bi bżonnijiet speċjali. Dan hu ġest li jiġi apprezzat ħafna minn dawn il-persuni. Saru wkoll visti mill-Kunsilliera lil nies mill-Imġarr li jinsabu fid-djar tal-anzjani.

### PROĠETTI TAL-UNJONI EWROPEJA
Il-Kunsill Lokali tagħna huwa involut f'żewġ proġetti ambjentali ffinanzjati mill-*MED Programme*. Dawn il-proġetti jinvolvu grupp ta' tekniċi li jagħmlu riċerka fuq tliet snin flimkien ma' pajjiżi oħra Mediterranji.

Biolmed hu wieħed minn dawn il-proġetti li jittratta t-tkabbir taż-żebbuġ b'metodi organiċi u huwa studju li qed isarraf f'ġid għas-settur taż-żebbuġ fil-Gżejjer Maltin.

Proġett ieħor imsemmi *Cypfire* jinvolvi riċerka fuq is-siġar taċ-ċipress u l-abilità tagħhom biex jilqgħu għan-nar u għar-riħ. Ta' min jgħid li dan il-proġett jkompli mal-proġett MedCypre li bih kienu tħawwlu ammont kbir ta' siġar ġewwa l-Ballut u l-Ġnejna.

### SERVIZZI OFFRUTI FIL-KUNSILL
Il-Kunsill qed jinnota żieda fin-numru ta' persuni li javviċinaw il-Kunsill għall-ilmenti u suġġerimenti tagħhom. Dan juri fiduċja fix-xogħol tal-Kunsill, li kull ma jmur qed jiżdied. Numru ta' servizzi li llum indraw bħal ġbir ta' skart goff u ġbir ta' skart riċiklat qed ikun ta' utilità kbira għar-residenti. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-pubbliku biex jikkolabora fir-riċiklaġġ ta' skart għal ġid tal-ambjent.

### KUNTRATTI ĠODDA
Matul din is-sena l-Kunsill beda' jara il-kuntratti tax-xogħol li kellu ma' diversi entitajiet, kumpaniji privati kif ukoll individwi li kien skadew fil-passat. Għaldaqstant ħarġu numru konsiderevoli ta' sejħiet għall-offerti u *tenders* li waslu għal tiġdid f'kuntratti. Wieħed jittama li dawn il-kuntratti ġodda ikunu aktar effiċjenti għall-ġid tal-lokalità in ġenerali.

### *HANDYMEN* TAL-KUNSILL
Il-Kunsill jagħmel użu wkoll mix-xogħol fejjiedi li jwettqu ż-żewġ *handymen*. Matul is-sena jieħdu ħsieb li t-toroq jinżammu f'kundizzjoni tajba permezz ta' *patching* u manutenzjoni ta' bankini. Jaqtgħu ukoll il-ħaxix b'mod regolari mit-toroq rurali, li minnhom jgħaddu l-bdiewa, jarmaw dak kollu meħtieġ biex tiġi organizzata xi attività bħal Ġieħ L-Imġarr, Festa Frawli, u jagħtu kontribut fil-Lejla Mġarrija. Il-Kunsill għadu qed imantni ż-żewġ imsaġar li jinsabu fil-Ġnejna u l-Ballut u il-*handymen* jaħartu din l-art b'mod regolari. Dawn jieħdu ħsieb jibnu xi slieħi li jkunu waqgħu.

Peress li l-kuntratt taż-żewġ *handymen* preżenti skada, għadha kif saret sejħa għall-offerti ta' dan is-servizz, li l-Kunsill qiegħed jevalwa propju f'dawn il-ġranet.

### KONKLUŻJONI TAR-RAPPORT
Dan ir-rapport jiġbor fih numru ta' proġetti u inizzjattivi importanti li saru matul din is-sena, u bl-ebda mod ma jsemmi x-xogħol kollu li jwettaq mill-Kunsill.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera tax-xogħol siewi li jwettqu biex dan ikun possibbli għal ġid ta' dan ir-raħal. Nirringrazzja wkoll lill-ħaddiema klerikali tax-xogħol fejjied li jagħmlu.



# Minn fuq il-Qiegħa

**Riċerka ta' Mario Vassallo**

*Dan l-artiklu huwa riżultat ta' riċerka ta' Mario Vassallo fuq il-qiegħa b'rabta partikolari mar-raħal tagħna. Dan ix-xogħol sar fuq talba tal-organizzaturi tal-Festival Ħidmet Missirijietna li ittella' fis-6 ta' Lulju 2012 għat-tielet darba konsekuttiva. Parti minn dan l-artiklu ntuża biex jitqassam fuljett informattiv lil dawk preżenti għal festival. L-attendenza għal dan il-festival kienet waħda numeruża u kellna kummenti pożitivi minn dawk li attendew.*

## INTRODUZZJONI

"Ħobżna ta' kuljum agħtina llum" hija parti mit-talba tal-Missierna kif għallimielna Kristu stess. Il-ħobż jiġi magħmul mid-dqiq, id-dqiq isir billi jintaħan il-qamħ. Dan ix-xogħol ilu magħruf li kien jintagħmel għall-mijjiet ta' snin. Ta' min jgħid li sa mill-qedem, anzi fl-aktar parti antika fejn kien jgħammar l-ewwel bniedem f'pajjiżna, jiġifieri fi Skorba, intsabu l-fdalijiet ta' xi varjetajiet ta' qamħ. Mhux biss imma ġo għarix ta' żmien il-Bennejja tat-Tempji nstabu mhux inqas minn disa' mehrieżi li x'aktarx kienu jintużaw biex jitħnu l-qamħ.

Għal wieħed bidwi li għandu l-fuq minn tmenin sena jiftakar żminijiet ferm aktar differenti minn ta' llum, min ma kienx ikollu qamħ kien ikun miskin u fqir. Fi żminijiet ta' qabel il-gwerra tal-1939-1945 la kien hawn *supermarkets*, la kien hawn dawk il-varjetajiet ta' ikel impurtati li naraw illum u lanqas kont issib ikel lest kemm issajjar jew kemm issaħħan kif nsibu llum. Nistgħu ngħidu li l-ikel bażiku kien il-ħobż u biex tagħmel il-ħobż irid ikollok il-qamħ. Fl-inħawi tal-Imġarr il-biċċa l-kbira tal-qamħ kien jitkabbar mill-bdiewa stess fl-għelieqi tagħhom.

L-għan ta' dan l-artiklu hu li jagħti ftit tagħrif dwar il-ħidma iebsa li kienet issir mill-bdiewa tagħna biex ikabbru, jiġbru u jaħżnu l-qamħ ħalli jkollhom moħħhom mistrieħ għall-għixien tal-familji tagħhom għall-matul is-sena kollha. Qiegħda ssir ħarsa mill-qrib lejn ix-xogħol li kien isir fuq il-qiegħa fejn il-qamħ u t-tiben kien jiġi magħżul u jinġabar.

## ŻRIGĦ U TKABBIR TAL-QAMĦ

Missirijietna, il-bdiewa tagħna kienu jippjanaw l-għelieqi li fihom kienu ser ikabbru l-qamħ. Għalhekk kienu jibdew sa mix-xahar ta' Novembru billi jiżirgħu l-qamħ li jkunu refgħu b'tant għożża mis-sena ta' qabel. Iż-żerriegħa tinbet u tikber matul ix-xitwa u għal ħabta ta' April tibda tifforma ż-żbula tal-qamħ.



1

Fil-kultura ta' dak iż-żmien ix-xogħol ukoll kien jingħaqad mat-twemmin u l-fidi u kienu jħossu li jiddependu mill-Ħallieq għall-għixien ta' kuljum. Fit-8 ta' Mejju, festa tal-Madonna ta' Pompei, f'nofsinhar, kienet saret drawwa li ssir quddiesa u talb ieħor lill-Madonna u wara jsir t-tberik tal-ward (*roses*). Dan kien jitqassam lill-bdiewa li minn naħa tagħhom kienu jitfgħuh fuq l-uċuħ tal-qamħ li kien ikun biż-żbula biex, kif kienu jemmnu, dan jimla' u jkollom wiċċ abbundanti.

## IL-ĦSAD

Il-qawl jgħid "f'Mejju aħsad imqar kien plejju". Lejn l-aħħar tax-xahar u l-bidu ta' Ġunju l-qamħ ikun mela u nixef sewwa. Il-bidwi jibda jaħseb biex jiġbor il-prodott. Imma minn hawn 'l quddiem ikun għad baqa' il-biċċa l-kbira tax-xogħol. Il-ħsad tal-qamħ kien isir bl-idejn, bil-minġel. Dan kien ifisser sigħat twal ta' xogħol iebes fejn il-bidwi (u membri oħra tal-familja) jkollu jaħdem baxxut ma wiċċ il-ħamrija biex bil-minġel jaħsad il-qamħ kemm jista' jkun mal-art ħalli ma jkunx hemm tħarbit (Ritratt 1). Minħabba li l-qamħa tkun nixfet u allura malajr titfarrak, il-bidwi kien ifittex li x-xogħol tal-ħsad isir meta t-temp ikun umdu jew artab, jiġifieri rtuba. L-aħjar ħinijiet kienu jkunu filgħodu kmieni jew anke matul il-lejl fejn il-ħsad isir fid-dawl tal-qamar jew fid-dawl tal-fanali. Jekk mal-jum it-temp ikompli bl-irtuba allura l-ħsad kien ikompli imma jekk jaqleb għal temp iktar xott il-ħsad ikollu jieqaf għax tibda tinfetaħ iż-żbula u jinxtered il-qamħ fl-art. Il-ħsad kien ikollu jkompli jum ieħor.

## IL-QIEGĦA

Malli l-ħsad jasal fi tmiemu l-bidwi jgħaddi għall-biċċa xogħol oħra, id-dris tal-qamħ fuq il-qiegħa.

Il-qiegħa kienet isseħħ kull sena x'aktarx fl-istess għalqa. Din kienet tkun ġiet magħżula apposta biex tkun miftuħa għal kull żiffa riħ fuq. Ir-riħ fuq kien ifisser jew riħ mil-punent jew l-aħjar mill-majjistral. Il-bidwi kien jibda billi jfassal il-kobor tal-qiegħa jew fuq għajnejh jew inkella billi jwaħħal musmar f'nofs l-għalqa u b'ħabel marbut mal-musmar kien jimmarka ċirku tond. Il-qiegħa kienet tkun kbira skont kemm kien ikollu qamħ

għad-dris iżda qiegħa imdaqqsa kienet tkun madwar 10 metri diametru.

Il-post tal-qiegħa kien jixxarrab sewwa bl-ilma jew inkella jiġi msoqqi u fil-wiċċ kien jintefa' ftit tiben jew sifa biex il-wiċċ jibbies. Imbagħad il-bidwi kien iwitti kemm jista' u jtappan il-wiċċ tal-qiegħa billi jiġbed warajh romblu tqil tal-ġebel tal-qawwi msejjaħ romblu tal-qiegħan. Hekk il-qiegħa tkun ġiet iffurmata u titħalla toqgħod għal xi jumejn.



2



3



4

Sadanittant il-qamħ maħsud jibda jinġabar u jiġi magħmul f'qattiet. L-ewwel kien irid isir l-irbit biex tintrabat il-qatta tal-qamħ, imsejħa irbata. Din kienet tiġi magħmula mill-qamħ stess billi jinqabdu ftit qamħ u jintrabtu ma tarf ta' ftit qamħ ieħor. Dan l-ispeċi ta' ħabel kien jitqiegħed fl-art. Imbagħad jinġieb għal fuq l-irbata l-qamħ li jkun maħsud imma f'ċerta ordni, ċappa qamħ, jew għamra, bl-iżbula fuq naħa u ċappa oħra titpoġġa kontrieha jiġifieri ż-żbula tkun fuq in-naħa l-oħra. Kull erba' għamriet kienet tifforma qatta u għalhekk din kienet tingħalaq billi jinqabdu it-truf tal-irbata u jingħaqdu permezz ta' għoqda. B'dan il-mod il-qamħ maħsud tal-għalqa kien isir qatt u jinġabar fi mnieżel żgħar. (Ritratt 2)

## ID-DRIS

Meta titlesta l-qiegħa dan il-qatt kien jitgħabba fuq il-karettun u jittieħed maġenb il-qiegħa, biex jibda x-xogħol tad-dris meta t-temp jippermetti (Ritratt 3). Sakemm isir dan ix-xogħol kollu l-bidwi kien joqgħod attent li t-temp ikun artab ħalli l-qamħ ma joħroġx miż-żbula u jinxtered. Imma bil-maqlub meta kien jiġi biex jibda jidres fuq il-qiegħa kien jistenna temp sħun u xott imsejjaħ eħtrieq, ħalli l-qamħ u ż-żbula ikunu mqarċqin u b'hekk ix-xogħol isir malajr u aħjar.

Meta t-temp ikun jippermetti, jiġifieri jkun eħtrieq, kien jibda x-xogħol fuq il-qiegħa billi jibdew jinfetħu il-qattiet tal-qamħ u jitferrxu fuq il-qiegħa sakemm ikun hemm m'għola l-irkoppa. Qiegħa mdaqqsa malajr kienet tieħu madwar ħamest eħmiel qamħ jew ħamsin qatta qamħ. Imbagħad kien jibda id-dris propju. Kien hawn xi bdiewa li kienu jużaw ir-romblu tal-imsiemer x'aktarx imsejjaħ ronkun[1] (Ritratt 4). Dan kien jintrabat bil-ħbula u jinġibed minn bhima biex waqt li jdur, l-imsiemer tiegħu kienu jagħmlu l-ewwel tiksira jew dirsa. Dan ir-romblu ma tantx kien jintuża għax kien ftit jew wisq perikoluż.

Min ma jużax ir-romblu kien idaħħal mill-ewwel l-annimali. Dawn kienu jintrabtu tnejn jew tlieta maġenb xulxin. Xi bdiewa li kien ikollhom bhima waħda kienu jixxierku ma xulxin biex biż-żewġ bhejjem tagħhom kienu jidirsu l-ewwel ta' wieħed imbagħad tal-ieħor. Il-bhejjem kienu jintrabtu f'ringiela mit-tarf għan-nofs il-qiegħa imma f'ċerta ordni. Fuq barra jew ma tarf il-qiegħa kien jintrabat iż-żiemel jew il-bagħal jew id-debba. Imbagħad kienet tintrabat il-baqra u ġewwa nett lejn in-nofs kienet tintrabat il-ħmara. B'din l-ordni l-bhima ta' barra jew tat-tarf kienet l-aktar li timxi għax iċ-ċirku jkun ikbar minn ta' ġewwa fejn kien ikun hemm il-ħmara. Il-bidwi kien joqgħod fin-nofs bit-tarf tal-ħabel f'idejh u jmexxi l-annimali madwaru li kienu jimxu u jduru fuq il-qiegħa. Kien b'dan il-mod li kien jindires il-qamħ fuq il-qiegħa. Il-mixja tal-annimali fuq il-qamħ kienet tkisser it-tiben u toħroġ il-qamħa mill-fosdqa tagħha permezz tar-rfis ta' saqajhom. (Ritratt 5)

Dan ix-xogħol kien idum sigħat twal taħt xemx tiżreġ fix-xhur tas-sajf Malti. Il-bidwi kien jilbes kappell kbir u kultant kienu jnewwlulu l-qannata tal-ilma ħalli jbill griżmejh. Kultant ħin il-bidwi kien iwaqqaf l-annimali u jordnalhom iduru bil-kontra, jiġifieri jekk kienu jduru lejn il-lemin jibdew iduru lejn ix-xellug. Min kien ikun tax-xeħta kien jagħmel din il-biċċa xogħol b'għajta u l-annimali kienu jduru kollha f'salt. Din l-azzjoni kienet tissejjaħ 'iħabbeż l-annimali'.

Waqt li kien ikun għaddej dan ix-xogħol tal-bhejjem nies oħrajn kienu jqallbu l-qamħ ta' taħt fuq permezz tal-midra biex id-dris isir aħjar. Il-midra kienet lasta tal-injam li fit-tarf kienu joħorġu bħal erba' swaba tal-injam, bħal furketta. Meta l-bidwi kien jidhirlu li l-qamħ indires kien jgħid li l-qiegħa saret. Hawnhekk kienu jinħarġu l-bhejjem minn fuq il-qiegħa u jħallihom jistrieħu. It-taħlita ta' qamħ u tiben ta' fuq il-qiegħa kien jitgeddes fuq ġenb f'għamla ta' munzell tawwali biex ikun lest għat-tidrija.

## IT-TIDRIJA

Issa kien imiss li t-taħlita ta' tiben u qamħ li hemm fuq il-qiegħa tingħażel biex kollox jinġabar f'postu. Jekk ikun hemm żiffa tajba jiġifieri riħ sod u mhux bil-buffuri kien jibda x-xogħol tat-tidrija. Jekk it-temp ma jkunx jippermetti kien jerġa' jintefa' l-qamħ sħiħ biex jibda dirsa oħra. Hawn ta' min jgħid li sa qabel il-gwerra ma kien isir l-ebda` xogħol nhar ta' Ħadd. Mill-banda l-oħra, jekk il-bidwi jkun ilu jistenna riħ tajjeb u ma jasalx imbagħad jinzerta jkun f'jum il-Ħadd, il-bidwi kien imur s'għand il-kappillan biex jitolbu permess speċjali ħalli jkun jista' jderri fuq il-qiegħa dakinhar, għax riħ tajjeb ma jiġix meta tridu int.

"Riħ ta' siegħa jnaddaf qiegħa" jgħid il-qawl malti. Hekk meta jkun il-waqt tibda it-tidrija tal-qamħ. Il-bidwi u in-nies l-oħra kienu joqgħodu f'ringiela maġenb xulxin bir-riħ ġej mil-ġenb. Dan għaliex jekk joqgħodu faċċata tar-riħ kienu jimtlew bit-trab u bit-tiben. Hekk jibdew bil-midra jgħollu l-qamħ imfarrak li jkun sar tiben lejn ir-riħ u waqt li dan jaqa' kien jittajjar mir-riħ. L-aktar li jittajjar il-bogħod kien il-frak tat-tiben imsejjaħ sifa. It-tiben kien ftit itqal u allura kien jaqa' eqreb lejn il-persuna. L-aktar tqil kien ikun il-qamħ u trab u xi żrar li kien jaqa' maġenb il-persuna li tkun qiegħda dderri.

Kien dan ix-xogħol tal-bidwi mgħejjun mir-riħ li kien jagħżel il-qamħ mit-tiben. It-tidrija kienet iddum sejra sakemm jgħaddu id-dirsa kollha ta' fuq il-qiegħa.

Barra dan ix-xogħol kien ikun hemm persuna oħra li bil-luħ, bħal pala tal-injam, kien jerġa' jaqbad u jgħolli mill-gozz tal-qamħ u waqt li jaqleb bil-mod iħalli lir-riħ jerġa' jsaffi it-trab u s-sifa minn ġol-qamħ sakemm jidhirlu li ndaf kemm jista' jkun.

## IL-ĠABRA TAL-PRODOTT

Imbagħad kien jibda jinġabar kollox għalih biex xejn ma jitħarbat. Is-sifa kienet tinġabar u tintrefa' ġo kamra għaliha biex tintuża għal taħt l-annimali meta jnaddfulhom ħalli joqgħodu fin-nadif. It-tiben kien jinġabar ġo xbieki tal-ħbula li kienu jissejħu lożor tat-tiben. Dawn kienu jintrassu sewwa u jingħalqu permezz ta' ħabel li jgħaddi minn ġo ċrieki tal-ħadid. Imbagħad kienu jitgħabbew fuq il-karettun, x'aktarx kien jgħabbi tlett lożor tat-tiben, u jittieħdu r-razzett. Hemmhekk kien ikun hemm kamra kbira msejjħa id-dar tat-tiben fejn kien jintrefa' it-tiben. Il-kamra kienet tkun magħżula apposta biex tkun kennijja u ma tkunx umduża ħalli b'hekk it-tiben jibqa' niexef is-sena kollha. Dan kien jintuża bħala għalf għall-bhejjem.

Sadanittant fuq il-qiegħa kien ikun għad baqa' il-qamħ. Dan kien ikun għad baqgħalu jgħaddi minn biċċa xogħol oħra, dik li jerġa' jissaffa mit-trab u l-bċejjeċ ta' żbula u tat-tiben msejħin karfa, li jkun għad baqa' miegħu. Għalhekk kienet tinfirex biċċa inċirata kbira fuq il-qiegħa u permezz ta' għarbiel b'daqsijiet differenti ta' toqob kienu jgħarblu l-qamħ. L-ewwel kienu jgħarblu l-qamħ minn għarbiel tond b'toqob żgħar ħalli il-qamħ jibqa' fuq filwaqt li t-trab jaqa' fl-art. Imbagħad jerġgħu jgħaddu il-qamħ minn għarbiel b'toqob ikbar biex il-qamħ jaqa' u jibqa xi żrar u il-karfa fl-għarbiel (Ritratt 6). Dan ix-xogħol kien isir minn żewġ persuni. Il-karfa li tinġabar kienet tintefa' fil-bitħa tat-tiġieġ ħalli jnaqqru u jlaqqtu ż-żerriegħa li jkun għad baqa' fiha. B'dan il-mod naraw li xejn ma kien jintilef jew jitħarbat.

Il-qamħ kien jitkejjel bit-tomna, jinġabar fl-ixkejjer, jitgħabba fuq il-karettun u jittieħed ir-razzett. Hemmhekk kien jinħazen sewwa, aktarx billi kienu jgħamlulu post f'nofs it-tiben u jqiegħdu l-ixkejjer tal-qamħ. Dan kien il-frott ta' ħidma u tbatija ta' ħafna xhur li fih kien hemm is-serħan tal-moħħ għall-għixien tal-familja matul is-sena kollha. Minn dak il-qamħ tiġi magħmula l-ħobża ta' kuljum. Barra minn hekk kien irid jinżamm kwantità oħra ta' qamħ għaż-żrigħ għas-sena ta' wara.

Sadanittant, fuq il-qiegħa kien ikun għad baqa' li jsir it-tindif sabiex xejn ma jitħarbat. Il-qiegħa kienet tinkines b'ħaxixa msejħa xagħtar li tkun tikber fl-għelieqi f'dak iż-żmien tas-sena. Din kienet tintrabat ma' lasta jew qasba u biha kienu jikinsu l-qiegħa. Barra minn hekk kien hawn xi nisa tal-bdiewa li kienu jieħdu l-qroqqa bil-flieles fuq il-qiegħa ħalli jieklu mit-tixrid tal-qamħ li kien ikun hemm. Il-qroqqa kienet tintrabat minn sieqa ma xi ġebla jew ma mezza mimduda









ħalli ma titbiegħedx mill-post u fl-istess ħin tkun tista' tistkenn ġo fiha mill-qilla tax-xemx u kuljum kienu jagħtuha ilma frisk. Din kienu titħalla tirgħa f'postijiet differenti tal-qiegħa sa anke għoxrin jum. L-anzjani jgħidulek "tgħidx x'ħawsla mimlija kien ikollhom il-qroqqa u il-flieles meta jittieħdu lura r-razzett. B'hekk il-qiegħa kienet titħalla nadifa għal min ikun irid jerġa' jużaha.

## IL-QIEGĦA FIL-ĦAJJA TAL-BDIEWA

Il-qiegħa kienet biċċa xogħol iebsa imma li riedet issir kull sena fil-qilla tax-xemx sajfija. Minħabba li x-xogħol kien isir bil-mod, il-bidwi kien idum ħafna jiem u anke ġimgħat jaħdem fuq il-qiegħa. Min kien ikollu ħafna qamħ għad-dris, ġieli daħal fix-xahar t'Awwissu bil-biża' li jista' jkun hemm xi xita li tagħmel ħafna ħsara lill-prodott.

Jista' wieħed jaħseb kif wara jum xogħol, il-bidwi jkun jistenna tmiem il-jum ħalli jistrieħ hu u l-familja u jserraħ il-bhejjem. Ġieli kont issib min kien jorqod fuq il-qiegħa, kemm minħabba li forsi jkollu l-bogħod għar-razzett u kemm biex joqgħod għassa mal-qamħ u t-tiben. Dan kien isir minħabba li t-temp kien jippermetti għax il-lejl ikun saħan ġmielu. Hekk wara jum xogħol, mal-għabex, kien jibda ċ-ċajt u jingħaddu l-istejjer flimkien ma xi kisra ħobż u belgħa nbid. Ma kinitx tkun xi ħaga ta' barra minn hawn li xi tnejn kienu jaqbdu jgħannu u jinbxu 'l xulxin. X'ħin ikun daħal il-lejl ġmielu kienu mbagħad jisktu u jirringrazzjaw lill-Ħallieq bit-talba tar-rużarju u talb ieħor. Wara, kullħadd kien isib xi post fuq it-tiben ġdid u nadif u jistrieħ sa ma jisbaħ l-għada filgħodu għal jum ieħor ta' xogħol iebes.

Jekk għall-kbar il-qiegħa kienet tfisser biċċa xogħol iebsa li trid issir kull sena, għat-tfal il-qiegħa kienet tfisser ġiri fil-beraħ u logħob. "Tgħidx kemm konna nistennewha meta konna tfal" qaluli l-anzjani ta' llum. "Kien l-ors tagħna niġru u nilgħabu u nagħmlu l-kuntrumbajsi fuq it-tiben u nilgħabu l-mistoħbija qalb l-imnieżel tal-qamħ u tat-tiben. Konna nagħmlu xalata fuq il-qiegħa."

## UŻU IEĦOR TAL-QIEGĦA



8

Il-qiegħa kienet titħalla nadifa għal min ikun irid jerġa' jużaha. Dan għaliex, minbarra d-dris tal-qamħ, kienet tintuża wkoll biex jindirsu wkoll ix-xgħir, is-silla u forsi anke il-ġulbiena u l-ful niexef. Ix-xgħir kien jindires biex it-tiben tiegħu li kien ikun eħxen minn tal-qamħ, u kien magħruf bħala tiben tal-oħxon, kien jintuża' għall-imtieraħ u s-saqqijiet. Hekk dawn kienu jitbattlu mit-tiben il-qadim li jkun ilu ġo fihom sena sħiħa u jerġgħu jimtlew b'tiben ġdid li kif wieħed jista' jaħseb ikun aktar komdu. Iż-żerriegħa tax-xgħir kienet tinġabar biex isservi ta' żerriegħa għas-sena ta' wara. Mill-banda l-oħra il-ful niexef u l-ġulbiena niexfa kienu jitfarrku fuq il-qiegħa biex tinħareġ u tintgħażel iż-żerriegħa mill-ħuxlief. Filwaqt li kien jintrefa' ċertu ammont ta' żerriegħa għas-sena ta' wara kemm iż-żerriegħa li jibqa u kemm il-ħuxlief kienu jservu ta' ikel għall-annimali. Is-silla niexfa kienet titfarrak fuq il-qiegħa biex tinġabar iż-żerriegħa għas-sena ta' wara.

## IL-QIEGĦA FIL-GWERRA

Meta faqqgħet it-tieni gwerra dinjija tal-1939 – 1945, il-ftit importazzjoni tal-ikel bdiet titwaqqaf mill-ħbit tal-għadu. Hekk insibu li fl-1942 l-ikel kien skarsa sewwa u min ma kellux l-għelieqi tiegħu beda jbati l-ġuħ. Anke l-ħażna tal-qamħ li minnha kien isir il-ħobż ta' kuljum kienet waslet fl-aħħar. Għalhekk l-awtoritajiet kienu ħarġu ordni biex il-qamħ li kien hawn miżrugħ fl-għelieqi jinġabar kemm jista' jkun malajr u bil-galbu. L-anzjani bdiewa jiftakru kif dik is-sena kienu ntbagħtu l-ħaddiema tal-gvern biex jgħinu lill-bdiewa fil-ħsad tal-qamħ. Barra minn hekk kienu ntbagħtu wkoll xi suldati sabiex jgħassu fuq ix-xogħol ħalli ma jsirx serq ta' qamħ jew ħsara lill-prodott.[2]

Barra minn dan kienet ħarġet ordni biex il-bdiewa jbiegħu l-qamħ li kellhom lill-gvern ħalli jkun jista' jitqassam madwar Malta u Għawdex għax il-ħażna kienet waslet fi tmiema. Ta' min jgħid li mill-Imġarr kienu nġabru madwar 15,000 salma qamħ, biżżejjed biex jitma lill-poplu ta' dawn il-gżejjer għall-jumejn.[3]

## IL-QIEGĦA WARA L-GWERRA

Wara l-gwerra bdew jiġu ntrodotti il-makkinarji biex jgħinu lill-ħaddiema f'kull kwalità ta' xogħol. Anke fil-qasam tal-biedja (għalkemm kienu saru xi tentattivi fis-snin ta'

### Referenzi

1 Ġuże Galea, (1972) Xogħol u Snajja tal-Imgħoddi A. C. Aquilina & Co., Paġna 13
2 Informazzjoni mgħotija bil-fomm minn Xandru Muscat u Ġużepp Vella
3 Vincent Vassallo, (1992 ) Ħamsin sena ilu… F'Dawl il-Punent Nru 48, Paġni 18,19
4 Jennifer Buġeja (2003) *Agriculture in the Maltese Islands. A Historical overview of the late Ninteenth and Early Twentieth Centuries (Degree of Bachelor of Arts in History)* Paġni 95-98 (mhux ippubblikat)



9

qabel) beda jiġi ntrodott l-makkinarju biex iħaffef ix-xogħol tal-bidwi. Bl-introduzzjoni tal-ewwel magni tad-dris, ix-xogħol fuq il-qiegħa beda jmut mewta naturali.[4] Dak id-dris li kien jieħu ġranet jew ġimgħat biex isir, beda jitlesta' fi ftit siegħat. Il-magna kienet tittieħed f'post ċentrali f'nofs l-għelieqi u hemmhekk il-bdiewa kienu jieħdu l-qatet tal-qamħ, jgħadduh mill-magna, u f'ħakka t'għajn kien ikollhom il-qamħ magħrbul u miġbur fl-ixkejjer u anke magħżul mit-tiben, mis-sifa u mit-trab. Il-bidwi ma kellux iktar bżonn jistenna li jkollu riħ tajjeb biex jidres l-qamħ għax il-magna kienet titħaddem minn mutur. (Ritratt 7)

## L-GĦARFIEN TAL-QIEGĦA

Il-ħidma iebsa ta' missirijietna fuq il-qiegħa kienet minn dejjem magħrufa. Ix-xogħol fl-għelieqi biex jitkabbar u jinġabar il-qamħ li minnu kien jiddependi l-għixien tal-familji tagħna kien minn dejjem apprezzat. Mhux ta' b'xejn li fil-qoxra tal-ktieb dwar l-istorja tal-Imġarr u l-bini tal-knisja tiegħu miktub mill-Kappillan Dun Edgar Salomone ippubblikat fl-1946, insibu mpingija fost affarijiet oħra l-qatta tal-qamħ bil-minġel, ir-romblu tal-qiegħan u fin-nofs il-midra, il-luħ u l-għarbiel li kienu jintużaw fuq il-qiegħa. (Ritratt 8)

U jekk dan l-għarfien kien fuq bażi parrokkjali insibu li anke fuq bażi nazzjonali tpoġġew l-għodda tal-qiegħa, jiġifieri l-midra u l-luħ. Dan jidher biċ-ċar fuq l-Emblema ta' Malta Repubblika li saret fl-1974 (Ritratt 9).

Dan kollu juri kemm il-mexxejja sew parrokkjali kif ukoll nazzjonali kellhom għarfien għat-tbatija li missirijietna kellhom f'ħidmiethom għall-għixien tal-poplu tagħna.

© Mario Vassallo 2012

**Ħajr;**
Dan it-tagħrif ma kienx ikun possibli mingħajr l-għajnuna u l-informazzjoni ta' xi bdiewa u persuni oħra ewlenin fosthom, il-familji Calleja, Debono u Vella minn Binġemma, familja Vella miż-Żebbiegh, familja Vella mill-Imġarr, Karmnu Muscat, Toni Cortis. Ritratti 3,5,6 ġew riprodotti bil-permess ta' Jason Vella.

**Aktar qari dwar is-suġġett**

**Mill-Qamħa għall-Ħobża**
Patri Giuzeppe Meilak SJ fi Il-Malti, 1958-1959

**Xogħol u Snajja tal-Imgħoddi**
Ġuże Galea, 1972

**Snajja u Xogħol il-Maltin**
Paul P. Borġ, 2000

**Xogħol, Ġaħġiħ u Snajja li Spiċċaw**
Guido Lanfranco, 2002

# KUNSILL LOKALI L-IMĠARR




**Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lil dawk ir-residenti kollha li jagħmlu ħilithom sabiex ingawdu ambjent aħjar. Permezz tagħkom il-lokalità tal-Imġarr kisbet dan il-premju.**

***Grazzi – 22 ta' Lulju 2012***

## ĊIRKOLARI LILL-KUNSILLI LOKALI KOLLHA

***Sur Sindku,***

***Sinjuri Kunsilliera,***

L-Iskema Green MT tixtieq tinfurmakom li fil-ġranet hawn taħt imsemmija mhux ser isir ġbir ta' skart separat mill-ebda lokalità. Dan qed isir wara li jirrizulta li meta tkun festa pubblika jinġabar ammont żgħir li ma jagħmilhiex ekonomikament vijabbli biex il-ġbir jibqa iseħħ.

Il-ġranet huma dawn li ġejjin: **Il-Ġimgħa 21 ta' Settembru**, **It-Tlieta 25 ta' Diċembru u t-Tlieta 1 ta' Jannar 2013.**

Filwaqt li inselli għalikom inħeġġiġkom biex toħorġu avviż lir-residenti tal-Kunsill Lokali tagħkom.

*Grazzi u inselli għalikom*
**Joe Attard, Kap Ezekuttiv - Green Mt**

# Skambji miż-Żgħażagħ għaż-Żgħażagħ

**Mario Sammut**

Ta' kull sena l-Kunsill Lokali tal-Imġarr permezz tal-Kumitat Żgħażagħ Imġarr jorganizza numru ta' skambji f'pajjiżi diversi, li issa saru popolari ħafna maż-żgħażagħ Imġarrin. L-għan ta' dawn l-iskambji ma' żgħażagħ Ewropej ikun li ż-żgħażagħ tagħna jesperjenzaw ambjent interkulturali, jieħdu inizjattiva u jkunu proattivi, jieħdu sehem f'attivitajiet ta' *teambuilding* u jkunu rappreżentanti ta' pajjiżhom. Dan kollu ma jsirx fuq bank tal-iskola iżda permezz tal-edukazzjoni informali waqt attivitajiet adattati li jkunu ppreparati minn qabel.



## VIU – L-ITALJA

Bejn is-27 ta' Diċembru 2011 u t-3 ta' Jannar 2012, grupp ta' tnax-il żagħżugħ/a Imġarri ta' bejn 13 u 15-il sena marru ġewwa Viu, Turin, fl-Italja biex jipparteċipaw fi skambju ma' żgħażagħ oħra Pollakki u Taljani. "Naħdmu għal ambjent aħjar" kienet it-tema tal-iskambju, u peress li Viu huwa raħal żgħir ħafna qalb il-muntanji, kien il-post ideali li jippermetti li jsiru attivitajiet li jikkumplimentaw din it-tema. Apparti mill-attivitajiet u *workshops* edukattivi, il-programm inkluda sport fis-silġ, *ice skating, hiking* fuq il-muntanji biż-żraben apposta għas-silġ (*cross country skiing*), żjara fil-mużew tal-muntanji, żjara fiċ-ċentru ta' Turin fost oħrajn. Għalkemm għal diversi parteċipanti kienet l-ewwel darba li kienu barra minn Malta, il-parteċipanti kollha ħadu gost ħafna u marru tajjeb.



## Karlovo – Bulgaria

Grupp ta' sitt żgħażagħ Imġarrin ta' bejn 18 u 21 sena ipparteċipaw fi skambju ġewwa Karlovo, Bulgaria mill-11 sat-18 ta' Ġunju. It-tema kienet "Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet differenti", b'parteċipanti mir-Rumanija, mill-Ungerija, mill-Bulgarija, u mill-Italja. Għalkemm it-tema kienet differenti mill-iskambju li semmejna qabel, l-għan tal-iskambju jkun l-istess, u għalhekk il-programm ta' ġimgħa li jkun ġie ppreparat kien jindirizza l-edukazzjoni informali tal-parteċipanti. Dan il-grupp ukoll mar tajjeb ħafna, infatti l-organizzaturi talbuna biex iktar 'il quddiem nipparteċipaw fi skambji oħra magħhom.

## HORTOBÁGY – UNGERIJA

F'Mejju li għadda saret sejħa liż-żgħażagħ Imġarrin kollha biex jipparteċipaw fi skambju ġewwa l-Ungerija. Bħal kull sejħa li ssir ir-rispons kien wieħed pożittiv ħafna, u sar il-proċess biex intgħażlu l-parteċipanti għal dan l-iskambju. It-tema kienet "il-Passat, il-Preżent, il-Futur", li tindirizza r-rabtiet bejn il-ġenerazzjonijiet ta' qabilna u dawk ta' warajna. L-iskambju kien ser isir bejn id-29 ta' Lulju u l-11 t'Awwissu. Fit-12 u t-13 ta' Lulju kellha ssir laqgħa f'Hortobagy, l-Ungerija bejn il-*leaders* tal-pajjiżi parteċipanti biex iħejju għall-iskambju propju, però ftit ġranet qabel ġejna nfurmati li dan tħassar. Ġejna nfurmati li l-parteċipanti kienu ser iqattgħu xi ljieli ġo tinda, u li l-ispiża tat-titjijra bl-ajruplan kienet għoliet ħafna. Minħabba li dawn l-organizzaturi qatt ma konna ħdimna magħhom qabel, u minħabba li kienet tidher nuqqas ta' serjetà ġie deċiż li għall-ġid tal-parteċipanti jkun aħjar li ma nipparteċipawx f'dan l-iskambju.

## MALTA

Ikollna ħafna talbiet minn pajjiżi differenti biex jiġu għal skambju ġewwa Malta, kemm minħabba s-sbuħija ta' pajjiżna imma wkoll minħabba li l-Maltin dejjem imorru tajjeb ma' kulħadd. Fis-sajf tal-2010 organizzajna skambju f'Malta li kien mar tajjeb ħafna, u din is-sena erġajna organizzajna ieħor mal-istess pajjiżi li kienu fl-iskambju ta' Viu (l-Italja) u sar bejn it-12 u d-19 t'Awwissu. It-tema ta' dan l-iskambju hija "Ħajja sana permezz tal-isport u ikel bnin", u t-42 parteċipant qagħdu u għamlu ħafna mill-attivitajiet ġewwa s-Seminarju tal-Virtu, Rabat. Il-programm kien jinkludi attivitajiet divertenti wkoll bħal *sports*, zumba, żjarat f'postijiet storiċi bħall-Imdina u il-Belt Valletta, ħin il-baħar, u mixjiet fil-kampanja fost oħrajn.

Matul din is-sena ser ikollna numru ta' skambji oħra biex nagħtu l-opportunità lil dawk iż-żgħażagħ li s'issa ma pparteċipaw qatt fi skambju, u meta dawn ikunu konfermati tintbagħat ittra fid-djar kollha tal-Imġarr. Ħafna nies ikunu xettiċi minn skambji bħal dawn u forsi jqisu li l-flus u l-enerġija investiti fl-iskambji huma ħela, però dawk kollha li pparteċipaw huma xhieda tal-valur tal-iskambji għaż-żgħażagħ, fejn is-suċċess tal-parteċipanti m'huwiex akkademiku iżda l-kapaċità ta' kemm wieħed jintegra ma' żgħażagħ minn pajjiżi oħra u kemm jittollera differenza kulturali.

***Ritratt fuq: Il-grupp taż-żgħażagħ fil-Bulgarija.***
***Ritratt isfel: Iż-żgħażagħ li ħadu sehem fl-Iskambju tal-Italja***



***Ritratt: Il-professur Manwel Mifsud jirċievi ktieb ta' Ġanni Ċilia mingħand it-tifel tiegħu Emanuel fl-okkażżjoni ta' Ġieħ l-Imġarr 2012.***

# Is-Surmast Ġanni Cilia

**Professur Manwel Mifsud**

B'talba ta' diversi residenti qiegħdin nippubblikaw id-diskors li l-Professur Manwel Mifsud għamel f'Ġieħ l-Imġarr 2012 fuq is-surmast Ġanni Ċilia.

***L-Imġarr, 5 ta' Frar 2012***

Ma hemmx dubju li llum il-mezzi ta' komunikazzjoni żviluppaw bil-kbir, ħaduna għal għarrieda u mil-lejl għan-nhar id-dinja saret – kif isejħulha – villaġġ globali. Għall-grazzja t'Alla, id-dawl għeleb id-dlam li kien jifridna mill-irħula ta' madwarna, l-ajruplan ċekken id-distanza bejnna u bejn artijiet imbiegħda, u s-swar ta' madwarna, jekk ma waqgħux, ma għadhom u la jkennuna u lanqas jifgawna. B'erba' tektikiet fuq it-tastiera tal-kompjuter sirna nistgħu nilħqu l-ibgħad rokna, niksbu kull tagħrif, nitkellmu ma' min irridu.

Wisq qabel ma bsarna li dan se jiġri, sirna repubblika għalina, ċittadini tal-Unjoni Ewropea, u biċċa waħda mad-dinja. Doċċa wara l-oħra, imma kollha żviluppi tajbin u pożittivi.

Iżda anke l-aqwa mediċina tħalli fuqna l-effetti ta' ħsara tagħha. Illum, ironikament, bħala individwi, bħala parruċċani, bħala Maltin, sikwit inħossuna bħal tfajjel ċkejken jissara mitluf qalb il-folla kbira, jitbekka u jitlob li jagħrfu xi ħadd. Jekk ma nibżgħux għaliha, l-identità tagħna – individwali, lokali u anke nazzjonali – tista' tkun imhedda.

Għax hemm il-biża' li – filwaqt li nsiru nafu d-dinja – nitilfu l-kuntatt ma' żwieġna, ma' wliedna, man-nies tar-raħal tagħna. Inħossu li ma nappartienu lil ħadd – u mbikkmin nistaqsu: X'niswa jien u fejn hu posti f'din id-dinja wiesgħa, fejn kollox jitmexxa mill-midja, mill-politika u min-negozji l-kbar?

Xi ħadd darba ħoloq il-frażi sabiħa bit-Taljan "*a misura d'uomo*" - għad-daqs tal-bniedem. Jeħtieġ, qal, li – jitwessa' kemm jitwessa' l-orizzont tagħna – ir-relazzjonijiet tagħna fil-familja u fir-raħal jibqgħu sħaħ u qawwijin, u ngħinuhom jissaħħu.

Huwa hawnhekk li tidħol l-għożża tal-ambjent uman u naturali ta' madwarna, it-tisħiħ tar-relazzjonijiet ċiviċi fil-limiti tal-parroċċa, u l-ħidma b'riħet dan kollu mill-iskejjel u l-kunsilli lokali tagħna. Barra mill-opportunitajiet kbar ta' ftuħ illi għandhom, iż-żgħażagħ tagħna għandhom bżonn li meta jduru madwarhom isibu komunità li tifhimhom, tħosshom, tħobbhom u li hija lesta biex tgħinhom.

F'din il-binja ta' komunità li tagħti kas, din ir-riċerka ta' identità lokali, huwa importanti li jkollna punti ta' riferiment, persunaġġi eżemplari, mudelli li jispirawna.

Illum qegħdin niftakru u niċċelebraw sewwasew dan. Qegħdin infakkru lil dan il-persunaġġ uniku, is-Sur Ġanni Cilia, li, għalkemm ma twelidx hawnhekk, lil din il-komunità Imġarrija tant ħabbha li sar iben adottiv tagħha. Ħadem għaliha għomru kollu biex jedukaha, iġibha 'l quddiem, u fuq kollox biex iżommha magħquda.

Nista' ngħid li jien mas-Surmast iltqajt barra mill-Imġarr, bis-saħħa tal-interess fl-ilsien Malti li kien jgħaqqadna, u mill-ewwel laqatni b'dik il-qawwa morali, l-imħabba għat-tagħlim u l-ġentilezza tiegħu. Ħassejtni ltqajt ma' raġel tassew!

Snin wara, fl-2000 kelli x-xorti mmexxi fl-Università teżi dwaru, li ħadmu b'għaqal kbir Louise Abela u Charmaine Agius (illum miżżewġa u ommijiet, u fost il-preżenti). Jiena nħajjar lill-komunità Mġarrija biex tieħu ħsieb tippubblika dan ix-xogħol tajjeb biex il-kontribut tas-Surmast jibqa' jispira u jdawwal it-triq ta' min ma kellux ix-xorti li jkun jafu.

X'kien li ġibidni hekk lejn is-Surmast? X'kienu t-tagħlimiet li slitt mill-ħajja twila u attiva tiegħu? Fiex għadu jista' jispirana?

Qabelxejn, fl-imħabba għar-raħal/belt tagħna – li nħarsu lejn ta' madwarna, fil-familja, fit-triq u fir-raħal, u nagħtu kashom – ħalli nkunu nappartienu għal komunità "għad-daqs tal-bniedem".

Li nfittxu t-tagħlim – għal Ġanni Cilia l-edukazzjoni ma kinitx biss tagħlim biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tiegħek, imma anke – u qabel kollox – it-tisħiħ tal-valuri ċiviċi u morali.

L-imħabba għall-ilsien Malti – Ġanni Cilia kien iħaddem il-Malti b'ħila kbira, kemm mitkellem kif ukoll miktub. Filwaqt li kien jaf u jgħallem ilsna oħra, kien jemmen bis-sħiħ fis-siwi tal-ilsien Malti bħala l-aqwa rabta ta' bejnietna.

L-għożża tal-familja. Għalkemm kien bniedem imħabbat mhux ftit fil-ħidma skolastika u soċjali, is-Sur Cilia kien raġel iddedikat qabelxejn għall-familja tiegħu, kif jistgħu jixhdu t-tlieta minn uliedu li jinsabu fostna llejla: Jane, Josephine, Grace u Emanuel. Nirringrazzjahom tal-preżenza tagħhom.

Imma forsi l-aqwa messaġġ tiegħu kien: Nagħmlu kuraġġ. Dak li ma tafx, tista' titgħallmu. Il-bżonn u n-nuqqas huma okkażjoni biex infittxu, nitgħallmu, nikbru u niftħu orizzonti ġodda. U għal xiex ma daħalx is-Surmast? Ngħidu aħna, ma kienx perit, imma meta qam il-bżonn

# Il-Ħidma tal-Imġarr Youth Nursery għall-Istaġun 2012/2013

**Mario Sammut**

*Nursery* li dejjem tavvanza fil-livell ta' taħriġ, fit-titjib tal-faċilitajiet għat-tfal, fl-akkwist tal-aqwa apparat u fl-investiment dirett fit-tfal fi ħdanha – u dan kollu biex in-*Nursery* tiffoka fil-formazzjoni ta' kull tifel u tifla, formazzjoni fil-kapaċitajiet sportivi imma wkoll formazzjoni bi preparament għall-futur tagħhom.

Dan kien dejjem fi ħsieb il-fundatur tal-*Imġarr Youth Nursery*, Salvu Caruana, li ħalliena fi tmiem l-istaġun li għadda. Il-ħidma bla waqfien tiegħu fi ħdan in-*Nursery* tal-Imġarr kienet dejjem immottivata minn dan il-ħsieb, u żgur li se jibqa' jkun l-għan tal-kumitat tat-tmexxija tan-*Nursery*.

Għalkemm is-sessjonijiet ta' taħriġ għat-tfal jieqfu fis-sajf, il-ħidma tan-*Nursery* tibqa' għaddejja tul is-sena kollha. Però f'dan l-artiklu ser nagħmel rapport fil-qosor ħafna ta' dak li sar matul l-istaġun li għadda. Il-*coaching* kien afdat lill-*Headcoach*, is-Sur Tancred Mizzi, li flimkien mal-*coaches* u l-*helpers* kollha ħadu ħsieb it-taħriġ għall-istess staġun b'dedikazzjoni u impenn.

It-tfal tas-sezzjoni *Under 11* u l-*Under 13* ħadu sehem fil-*Gatorade Festival* fil-kategoriji rispettivi, filwaqt li l-*Under 13* ipparteċipaw ukoll fi *Friendlies Festival* bejn numru ta' *Football Nurseries* żgħar. Saret ukoll l-għaxar edizzjoni tal-*Joelan Memorial Tournament* li din is-sena saret nhar is-Sibt 7 t'April u ppparteċipaw 8 timijiet.

L-*Under 15* lagħbu fil-*league* tal-*Youth FA*, Sezzjoni B, fejn ta' min jinnota li kienet sezzjoni mimlija b'timijiet qawwija u sfortunatament ġejna relegati. L-*Under 17* kienu taħt il-*Coach* Salvu Caruana u kellhom staġun tajjeb, għalkemm is-sezzjoni ntrebħet minn St. Venera. Nixtieq nirringrazzja u ngħid prosit lit-tfal ta' dan it-*team* li kienu kollha preżenti għall-aħħar tislima lill-*coach* tagħhom.

Barra minn hekk kellna numru ta' attivitajiet oħra li ser ninkludi xi wħud minnhom ukoll, fosthom li ħadna sehem f'diversi festivals u logħob ieħor ta' ħbiberija b'diversi sezzjonijiet. Fl-aħħar ta' Diċembru tal-2011 ġiet organizzata 36 siegħa maratona ta' futbol, fejn ingħatat donazzjoni lil Malta Community Chest Fund. Ġejna aċċettati u se nieħdu sehem fil-korsijiet *"Investing in the Future"* fejn it-tfal ser jingħataw taħriġ minn nies professjonali fuq suġġetti importanti bħan-nutrizzjoni.

Ipparteċipajna fil-*Headcoaches*' *meetings*, organizzajna *seminars* għall-*coaches* u anke l-*instructional*




***Il-fundatur tal-Mġarr Youth Nursery, is-Sur Salvu Caruana.***

## Is-Surmast Ġanni Ċilia

tal-bini tal-koppla tal-knisja, medd għonqu għall-istudju tal-arkitettura u rnexxielu jkompli fejn oħrajn kienu ċedew l-armi. U sar kollox għal kulħadd: surmast tal-iskola, direttur ta' kumpannija tat-teatrin, xandar, *protection officer* fil-bżonnijiet tal-gwerra, storiku tal-Imġarr, ġeografu...

U jiena ngħid: X'xorti għandu l-Imġarr li hu raħal żgħir u magħqud, bħal ġawhra ingastata fil-bellus aħdar ta' madwaru!

X'xorti għandu li huwa ftit maqtugħ għalih, li jista' jinfetaħ għad-dinja u fl-istess ħin iżomm sħiħa l-identità tiegħu!

U x'xorti kbira li għandu wlied bħas-Surmast Ġanni Cilia, li jistgħu jservu bħala mudell għaċ-ċittadini tiegħu. Kemm għandu għaliex jgħożż u jxandar il-memorja tagħhom!

Dan hu li qed nagħmlu llejla. Qegħdin niktbu isem is-Surmast mal-ħajt tal-Iskola, biex l-istudenti żgħar u kbar iħarsu lejh, jiftakru fih, u jispiraw ruħhom mill-kwalitajiet kbar tiegħu. U jiftakru li dan in-Nannu tagħhom kien is-Surmast u l-Missier tal-ġenituri tagħhom, edukatur li, bil-ħidma tiegħu saħansitra qabel ma twieldu, għen mhux ftit biex ikollhom ambjent tajjeb u sabiħ.

Qabel nagħlaq dawn il-kelmtejn, nixtieq nagħtikom aħbar importanti. Grupp ta' persuni ħabrieka u ta' min ifaħħarhom, ewlenin fosthom Victoria Grech u Mario Vassallo, bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-familjari tas-Sur Cilia u tas-Sindku s-Sur Paul Vella, qegħdin jaħdmu bis-sħiħ biex il-memorja tiegħu tinġabar u ma tintilifx. Diġà sibna l-koperazzjoni ġeneruża ta' wliedu u l-għajnuna ta' nies oħrajn. Nixtiequ niġbru kull ħaġa li tfakkarna fih u neħtieġu l-għajnuna ta' kulħadd. Se nwaqqfu sit elettroniku dwaru u se nagħmlu inventarju tax-xogħlijiet kollha tiegħu, anke biex naħsbu għall-pubblikazzjoni ta' wħud minnhom. Is-Surmast Ġanni Cilia huwa wirt tagħna lkoll.Għalhekk nitlob lil kull min jista' jgħin biex ikun ġeneruż.

Nirringrazzjakom.

## Il-Ħidma tal-Imġarr Youth Nursery għall-Istaġun 2011/2012

*meeting “Encouraging Possession with Progression”.* Rappreżentanti mill-kumitat tat-tmexxija tan-*Nursery* qiegħdin jattendu kors ta’ xahar għall-amministraturi biex naraw kif nistgħu ntejbu anke l-amministrazzjoni tan-*Nursery*. Din is-sena xtrajna wkoll ammont ta’ apparat li jintuża fit-taħriġ tat-tfal, liema apparat inxtara bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr.

Din is-sena saru għall-ewwel darba kalendarji personalizzati għal kull tifel u tifla li jittrenjaw man-*Nursery* tal-Imġarr. Grazzi għall-inizjattiva tas-Sur Angelo Vella, il-kalendarji ntlaqgħu tajjeb ħafna, u żgur ser nerġgħu nagħmluhom fl-istaġun li jmiss.

Irrid insemmi li lit-tfal li jattendu skola sekondarja għamilnielhom ċertifikati ta’ *Informal Learning*, li huma rikonoxxuti mill-*Malta Qualifications Council,* minħabba li l-*Imġarr Youth Nursery* hija reġistrata uffiċjalment mal-Kunsill Malti għall-Isport u mal-*Malta Qualification Council*.

Fl-aħħar tal-istaġun l-MFA għażlet lil Owen Borġ biex jidħol fl-iskola tal-isport li ser tibda minn Ottubru li ġej.

L-istaġun 2011/2012 għalaqnieh bil-*Presentation Night* li saret fl-iskola tal-Imġarr li fiha ġew premjati t-tfal kollha, il-*players* li rebħu fil-*Penalty Shoot Out* li organizzajna ftit ġimgħat qabel, u unuri oħra kif xieraq. Il-*Headcoach,* il-*coaches* u l-*helpers* ingħataw tifkira ta’ apprezzament.

Waqt din l-attività ġew preżentati sitt settijiet ta’ *kits* ġodda, li ġew sponsorjati mill-*United Bar & Restaurant*, Il-*Barri Bar & Restaurant* u Ta’ Soldi *Bar & Restaurant*. F’isem il-kumitat u t-tfal kollha nirringrazzja ħafna lil dawn l-i*sponsors* u nista’ nassigurhom li napprezzaw ħafna dan il-ġest.

Ġew preżentati wkoll *tokens* lill-Imġarr United F.C. tal-promozzjoni għat-Tieni Diviżjoni, kif ukoll lit-*team* tat-tfajliet tal-Imġarr United F.C. li ġew promossi għall-Ewwel Diviżjoni billi rebħu l-logħob kollu tal-kampjonat. F’isem il-kumitat tan-*Nursery* nifraħ lill-Imġarr United F.C. u nawguralhom għall-istaġun li ġej.



*Sezzjoni ta’ taħriġ tal-Mġarr Youth Nursery.*

Hekk kif spiċċa l-istaġun bdejna naħdmu għall-istaġun li ġej, u diġa saru numru ta’ laqgħat, inkluż mal-*coaches*, mal-ġenituri u anke ma’ diriġenti tal-*Youth Football Assiciation* (YFA) għal dan il-għan, u bdejna nirreġistraw it-tfal għall-istaġun li ġej, li ser ikunu taħt it-tmexxija ta’ *Head Coach* ġdid li ġej mill-Ingilterra, is-Sur Dickson Gill.

**Inħeġġeġ lil dawk li huma interessati jiktbu lit-tfal tagħhom fl-*Imġarr Youth Nursery* biex jiġbru formola ta’ reġistrazzjoni mill-*Club* tan-*Nursery* mit-Tnejn sas-Sibt mill-5pm ‘l quddiem jew iċemplu fuq in-numri tat-*telephone* 9967 2838 jew 2157 4209 għal iżjed informazzjoni. In-*Nursery* tilqa’ tfal li twieldu bejn l-1998 u l-2008.**

Nagħlaq billi nagħmilha ċara li fl-*Imġarr Youth Nursery* kull tifel u tifla jiġu mħarrġa b’attenzjoni individwali u b’għożża, u f’ambjent nadif minn kull aspett, u s-suċċess m’huwiex kemm it-tfal jiskorjaw *goals*, iżda li t-tfal joħorġu rġiel u nisa lesti għal dak li ser jaffaċċjaw fil-ħajja ta’ kuljum.



# Mġarr Karate Club 2011

**James Galea**

### 9 TA' LULJU 2011 – BLACK BELT GRADING:



- Ġurnata kbira għal Kenneth Abela u Joe Grima wara li għaddew b'suċċess mill-eżami għat-3$^{rd}$ Dan *Black Belt* fil-Karate – Grad mistħoqq għall-kontribut qawwi tagħhom fil-*Malta Karate Federation (MKF)*; Kenneth bħala l-President tal-MKF sa mit-2003 u Joe bħala *Assistant Instructor* u *Competition Judge* għal dawn l-aħħar 10 snin... Ilkoll bi tbissima kuntenta wara xhur ta' taħriġ taħt Sensei James biex għaddew b'suċċess minn dan l-eżami.

### 21 OTTUBRU 2011 – ĠURNATA MEMORABBLI GĦAT-*TLETT BLACK BELTS* 1$^{ST}$ DAN ĠODDA FIN-NIHON TAI JITSU



- Charlon Brincat, Damian Cacciattolo, Joe Grima, flimkien mal-*Master* Ungeriz Sensei Gusztav Vikartoczky 6th Dan. Sena kbira għal Joe Grima bl-akkwist ta' żewġ *Black Belts* f'żewġ artijiet differenti fl-istess sena (3$^{rd}$ Dan Karate, 1$^{st}$ Dan Nihon Tai Jitsu).

### OTTUBRU 2011 – *INTERNATIONAL SEMINAR* U *GRADINGS* MAL-*MASTERS*



- Sensei Martin Camilleri 5 Dan (Malta), Atleta Ungeriz, Master Gusztav Vikartoczky 6th Dan (Hungary), Master Csaba Harsanyi 6th Dan (Slovakia), Lory Harsanyi (Slovakia), Sensei John Sevasta 3 Dan (Malta), student ta' John, Sensei Joe Portelli 3 Dan (Malta), Sensei James 5 Dan (Malta), Sensei Javier Moreno 5th Dan (Spain), Nuria Presa (Spain), Sensei Kevin Bonanno 3 Dan (Malta), Sensei Zsolt 2 Dan (Hungary) u tlett Black Belts ġodda fin-Nihon Tai Jitsu - Damian Cacciattolo, Charlon Brincat, Joe Grima




**"The Way is in the Training"**

**MGARR KARATE CLUB**

**Tel:** 21580711
**Mob:** 99082404,
**Email:** hikari@onvol.net

Sensei James Galea 5$^{th}$ Dan Karate, 1$^{st}$ Dan NT Jitsu

Malta Karate Federation (MKF) http://www.maltakarate.com/info.htm

Malta Olympic Committee (MOC), Kunsill Malti għall-Isport,
World Karate Federation (WKF).



## LULJU 2011 – MKF SUMMER TRAINING CAMP, MOUNT ST. JOSEPH

- Owen, Miriana, Gabriel, James, Luke, Nicholas, Ben, Jake, Daniel, Deborah, Maria, Sarah, Laura.



## MEJJU 2011 – JOHN SKILLEN SELF-PROTECTION SEMINAR

- James, John Skillen (UK), Bob, Stephen, Luke, Matthew, Gabriel, Joe, Kenneth



## NOVEMBRU 2011: *MALTA KARATE FEDERATION NATIONAL CHAMPIONSHIPS*

- Rita, James, Stephen, Carl, Team Gabriel – Luke – Ben (1st Kumite), Team Linni - Maja – Sarah (1st Team Kata), Team Daniel – Owen – Deborah (1st Team Kata other category)



## PRESTAZZJONI ECCELLENTI MINN LUKE GALEA FIL-*MALTA KARATE FEDERATION NOVEMBER 2011 COMPETITION*

- (1st Kata + Kumite + Kumite Team)
  “Team = Together Everyone Achieves More”



## DIĊEMBRU 2011: *TEAM (TOGETHER EVERYONE ACHIEVES MORE) – CLUB COMPETITION*

- Kenneth Abela (MKF President), Senseis Roberta, Sensei Joe, James, Kris Assistants Miriana, Luke, Ben Athletes: Deborah (Best In Class), Jacob (3rd HS), Edin (2nd KK), Daniel (1st KK, 2nd Hs, Best in Class), Sarah (1st HS, 2nd KK), Matthias, Owen (3rd KK, 3rd HS), Sarah Scerri (1st KK, 2nd HS), Ryan, Miguel (1st HS, 3rd KK), Jake, Maria (3rd KK), Tiffany, Ian (3rd HS), Adam, Ella (3rd HS, 3rd KK), Linni (3rd KK). Livell tajjeb ħafna bix-xogħol għaqli ta’ Sensei Joe, Roberta u Kris taħt id-direzzjoni ta’ Sensei James.

Kull sena **L-IMĠARR KARATE CLUB**
jagħti s-sehem tiegħu fil-**MaratonaSports**
permezz ta’ **Donazzjonijiet** b’risq
id-**Dar tal-Providenza**
Id-**Donazzjonijiet** għas-sena 2011 kienet: **€2105**



# Ħarġa għall-Adulti

**Nhar it-Tlieta 23 ta' Ottubru 2012 ser imorru sal-Birgu fejn ser inżuru l-Mużew Marittimu u l-Palazz tal-Inkwiżitur. Din il-ħarġa tinkludi *coffee break*. Nitilqu fit-8.30am mill-pjazza u naslu lura għan-12.30pm.**

**Prezz - €12 (ikel u transport inkluż)**

**POSTIJIET LIMITATI**
**Ħlas mal-*booking***

**Il-ħarġa ssir jekk jingħaqad il-grupp.**

**Biex tinkitbu għandkom tikkuntattjaw l-uffiċju amministrattiv fuq 2152 0011 sa mhux aktar tard mill-Ħamis 18 t'Ottubru.**

# Ħarġa għat-Tfal u għall-Kbar

Nhar il-Ħamis 1 ta' Novembru ser immorru l-Belt Valletta fejn ser inżuru *Nenu the Artisan Baker* u t-*Toys Museum.* Nitilqu mill-pjazza fit-8.45am u naslu lura għan-12.30pm.

Għand *Nenu the Artisan Baker* it-tfal ser ikollkom l-opportunità li jagħmlu ftira skont il-gosti tagħhom u tikluha hemmhekk stess u żżuru l-mużew tal-ħobż. L-Adulti ser iżuru l-mużew, u waqt li t-tfal qed jagħmlu l-ftira l-adulti joqgħodu għal kwiet fil-kumpanija ta' xulxin. Wara inżuru t-*Toys Museum.*

**Prezz – Tfal Eur 10 (ikel u xorb inkluż)**
**Kbar Eur 5 (ikel u xorb mhux inkluż)**
**(Ħlas mal-*Booking*)**

**POSTIJIET LIMITATI**

Din il-ħarġa hi adattata għal tfal minn 7 snin 'l fuq kif ukoll għall-adulti.

**Il-ħarġa ssir jekk jingħaqad il-grupp.**

Sabiex tinkitbu għandkom tikkuntattjaw l-uffiċju amministrattiv fuq 21520011 sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 26 t'Ottubru.



## Imfakkra l-Vittmi tal-Gwerra

1. Rappreżentanti tal-Għaqdiet Politiċi flimkien mal-Kunsilliera u l-Kappillan f'Jum il-Vittmi tal-Gwerra.
2. Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Viċi Sindku Eman Vella, is-Sindku Paul Vella, Fr. Antoine Borg u l-Kunsillier Giovanni Gatt quddiem il-lapida tal-Vittmi tal-Gwerra tal-Imġarr.







Attivitajiet
tal-*Kunsill* 2012




## Festa Frawli 2012

*Il-qsim tal-kejk fil-Festa Frawli 2012.*

## Il-Konferenza *Cypfire*







*1. Delegati waqt il-konferenza Cypfire organizzata f'Malta f'April 2012.*
*2. Esperti tas-siġar taċ-ċipress fis-sit tal-Ballut.*

## Rikonoxximent f'Jum Ġieħ l-Imġarr










*Is-Sindku Paul Vella jippreżenta ir-rikonoxxament f'Ġieħ l-Imġarr lil Doris Vella (1), Rosario Muscat (2) u lil Antonia Abela (3).*

## It-tnedija tal-Osservatorju f'Tal-Għasfura

1. Il-Viċi Sindku Eman Vella jindirizza t-tnedija tal-osservatorju f'Tal-Għasfura.
2. Is-Sindku Paul Vella jagħmel id-diskors tiegħu fuq l-osservatorju f'Tal-Għasfura.
3. Presentazzjoni fuq l-osservatorju f'Ta' l-Għasfura minn Dr. Louis Cassar.
4. L-udjenza fl-okkażżjoni tat-tnedija tal-Osservatorju f'Tal-Għasfura.
5. Is-Sindku Paul Vella flimkien mas-Sinjura Kate Gonzi, is-Sur Francis Sullivan tal-HSBC Foundation u Dr. Louis Cassar mill-Università ta' Malta fis-sit f'Tal-Għasfura.













